
MONS SIONA IN JERUSAL



Iż-żewġ Knejjes

Waħda fuq l-oħra

Tal-Viżitazzjoni

Li jinsabu

F'Għajn Karem

It-Tnax-il Sena | OTTUBRU-DIĊEMBRU 1966 | Għadd 4.

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

# LEĦEN
# L-ART IMQADDSA

**QARI**
**LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR**
**MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU**
**F'MALTA**

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." — Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

It-Tnax-il Sena OTTUBRU-DIĊEMBRU 1966 Għadd 4.


X'FIH DAN IL-GĦADD


MA IGĦADDUX! (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... 97

**L-EWWEL TAQSIMA — DAWL**

F'Betlem! (A.M.) ... ... ... ... ... ... ... 98
Il-Martri Innoċenti (Fr. S.A.) ... ... ... ... ... ... 101
Il-Qabar... U ...l-Oqbra (Fr. Gawdenz) ... ... ... ... 103
Is-Santwarju tal-Viżitazzjoni (P. Mikiel Catanja) ... ... ... 105
Id-Din Nisrani fil-Lvant Nofsani (Fr. Ġ. Grisostmu Alafi, O.F.M.) 108

**IT-TIENI TAQSIMA — IMĦABBA**

Li "Statu Quo" fil-Palestina (P. Nikola Magro O.F.M.) ... ... 111
Dawl Ġdid mis-Sema (Fr. S.A.) ... ... ... ... ... 114
Driegħ il-Mulej fl-istorja tal-Ġens Lhudi (A.M.) ... ... ... 117
San Franġisk u n-Nagħġa (P.N.M.) ... ... ... ... ... ... 119
Aħbarijiet tal-Palestina ... ... ... ... ... ... 123
Ħlejqiet tal-Palestina (P.N.M.) ... ... ... ... ... 125
Ħrejjef Għarbin ... ... ... ... ... ... ... ... 127
Requiescant in Pace. ... ... ... ... ... ... ... 128



*Direzzjoni:* W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni:* R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# MA JGHADDUX!

*"Is-smewwiet u l-art jgħaddu, imma l-kelmiet tiegħi ma jgħaddux". Dal-kliem ta' Kristu miġjub f'San Luqa (XX,33) u li jiġbor fih wegħda, li Kristu nnifsu xandar lid-dinja, ukoll illum għandu s-siwi tiegħu. Għax Kristu huwa Alla, u Alla ma jitbiddilx: dak li Huwa llum, kien sa minn dejjem, u jibqa' l-istess għal dejjem.*

*X'hemm, jew x'jista' jkun hemm isbaħ u aktar ta' faraġ minn din il-ħaġa żgura? Fuq kollox, jinħtieġilna ma nitqarqux, billi f'kull ħaġa, ukoll l-iktar serja, indaħħlu d-dubju, bih ninqdew biex ngħawġu s-sewwa u b'qerq infittxu niġbdu n-nar għal xawwatna; u b'hekk ma naraw xejn bi kbir: id-dgħufija nsejħulha tjieba, t-tgħallit u l-qerq insejħulhom dehen u għaqal, it-tbahrid u ż-żina............u ħwejjeġ bħal dawn.*

*Nistgħu iżda ngħawġu u niġbdu għal xawwatna l-Vanġelju, li jmerina u jwissina: "Ikunu kliemkom: Iwa iwa, lè lè? "Jekk trid tkun perfett, mur, bigħ dak li għandek, qassmu lill-foqra, u imxi warajja" (Mt. 19, 21). U meta Ġesù ħabbar lil-lhud għall-ewwel darba l-Ewkaristija u dawn bdew igergru: — "Iebes hu dan kliemu" — u telquh, Ġesù ma biddel ebda kellma milli kien qal u l-anqas ma fittex jagħti xi xeħta aktar ħelwa lil kliemu; anzi dar fuq l-Appostli, li rahom mifxulin, u qallhom: "Tridu jewwilla titilqu intom ukoll?" Jiġifieri kien aktar imħejji jitlef l-Appostli milli jbiddel nitfa biss minn tagħlimu.*

*U nitqarqu mhux ftit jekk ngħidu: "Dari iwa, hekk kien, imma llum... Daż-żgur, illum bħal dari? Illum iż-żminijiet tbiddlu: l-għerf kiber, il-ħila żdiedet in-nies aktar fetħet għajnejha, il-qliegħ żdied u l-ħtiġijiet tagħna kotru". U tassew, dan il-kliem mhux xi ħaġa ġdida: hu kliem ta' kull imkien u ngħad f'kull żmien. Seba' mitt sena ilu, hekk ukoll kienet sejra d-dinja: kienet miexja titgerbeb, riesqa għall-qerda! Imma, f'daqqa waħda, Alla kien bagħat bniedem: Bniedem tassew* "catholicus et totus apostolicus: *San Franġisk t'Assisi, li rifidha u raddilha l-ħajja ewlenija bil-qawmien ta' l-osservanza* "ad litteram" *tal-Vanġelju mqaddes. Għax biss fl-Evanġelju hemm is-saħħa, l-ferħ u l-hena.*

*Għoxrin seklu għadda minn mindu l-Imsallab tal-Golgota, Ġesù Kristu, ħażżeż u kiteb fl-arja, fl-ilma u fil-ħaġar tal-Palestina l-Vanġelju l-Imqaddes, u bih għallimna x'inhi l-Imħabba u kif għandna nħobbu; u aktar minn seba' sekli ukoll għaddew minn meta l-Imsallab ta' fuq l-għolja tal-Kalvarju, "l-Alter Christus", San Franġisk t'Assisi, rifed id-dinja billi ħajjar lil-bnedmin biex iħobbu u jgħixu fuq tagħlim il-Vanġelju.*

*Jekk immela rridu nsibu s-sliema u nimxu fit-triq li mid-dinja tmexxina għas-Sema, ngħixu l-Vanġelju "ad litteram", kif Kristu ħabbru fl-Art Imqaddsa: għax dak li darba Alla qal u wiegħed, jibqa' veru u siewi għal dejjem: "Is-Smewwiet u l-Art jgħaddu, imma kliemi ma jgħaddix".*

*ID-DIREZZJONI.*

# L-Ewwel Taqsima — DAWL

# F'BETLEM!...

Malli, O għeżież qarrejja, dan il-qari "Leħen l-Art Imqaddsa" — l-aħħar għadd fost l-erbgħa ta' din is-sena 1966 — jasal f'idejkom, imqanqlin żgur minn daqsxejn ta' kurżità qaddisa, dlonk ittuh daqqa t'għajn biex taraw jekk iġibx xi ħaġa li tfakkar f'Betlem, belt imbierka fejn twieled Ġesù, Feddej tad-dinja.

U x'għaġeb hu dan? F'kull rokna tad-dinja, kull fejn hemm Twemmin Nisrani, jsiru tħejjiet imħeġġa għal Il-jum, 25 ta' Diċembru ta' kull sena, minnu nnifsu jkellem, iqanqal u jħeġġeġ għall-ferħ il-qalb ta' kull nisrani bit-tifkira dejjem ħajja tal-Misteru tal-Imħabba. Hu l-jum ta' l-estasi, il-jum tal-ħolm għal kull ruħ twajba u li taf tħoss. Iva, f'dan il-jum l-erwieħ twajba u sensibli, jif-takru, iħossu, jifhmu u jaraw l-armonija bla qies ħelwa tal-imħabba tal-Mulej.

Hu l-jum tat-Twelid ta' Ġesù!!...



*Betlem mill-bogħod*

dawn il-btajjel qaddisa b'talb, b'novenì, bi priedki u bi twaqqif ta' presepji ta' kull għaxqa; u mbagħad, ħaġa tal-għaġeb! malli jagħfas iż-żmien, donnu kulħadd b'deni fuqu sabiex jibgħat kitba bi kliem mill-aktar imħeġġeġ ta' Xewqat Tajba, ta' Ferħ u ta' Hena lill-qraba u lill-ħbieb tal-qrib u tal-bogħod għal din il-ħabta.

Imħabba f'din il-ġrajja glorjuża, Betlem tal-Lhudija tidher quddiem għajnejna bħala ideal ta' reliġjon mill-aqwa, li jrossi u jagħfas lid-dehen u lir-rieda tagħna sabiex naħsbu, nimmeditaw u nġeddu bi ħniena ta' ferħ ilkoll kemm aħna, f'għaqda qaddisa u ta' ġieħ.

Hu tassew iżda, li "M'hemmx warda bla xewk", kif ukoll "L-hena

għandu bħala sieħeb in-niket u l-hemm"...... għax, m'hemmx xi ngħidu, t-tifkira bħal ftit tal-għira għal dawk li huma hemm, jew li kienu jew għad ikun hemm biex jitpaxxew bil-ħelwa poetika ta' dak il-lejl, b'sema miżgħud bi kwiekeb jiddu, li donnhom juru l-mixi ta' Ġesù nieżel mis-smewwiet għal ġo Betlem, b'sura ta' ġisem ta' tarbija, fil-qierah ta' xitwa qalila, fl-aqwa faqar, ġewwa għar, qalb żewġ annimali, fuq ftit tiben, ġo maxtura.

O x'faraġ! O xi ġmiel, li tkun fil-Knisja ta' beltek, jew tar-raħal tiegħek tithenna bil-funzjonijiet sbieħ li jagħmlu l-Ministri tal-Mulej fil-Lejl tal-Milied!...... Imma f'Betlem?!......

O! Doqqu u semmgħu l-ħelu leħinkom, O qniepen tax-Xerq u ta' l-Għarb minn fuq il-kampnari għoljin tagħkom; semmgħu leħinkom, iva, u wasslu ma' kull imkien l-aħbar ta' ferħ li twieled il-Mulej! Bin-noti taddaqq tagħkom fakkru lid-dinja li ġie mitmum kliem il-Patrijarki u l-Profeti! Jitgħanna, iva, u jitwassal ma' kull imkien u bl-aqwa ferħ: "*Christus natus est nobis, venite adoremus*"! Doqqu, iva, O qniepen, semmgħu u tennu l-għanja ta' l-Anġli: "*Gloria in excelsis Deo...*"! Iġru u ifirħu intom ukoll O Tfal, agħmlu għors ma' dwar il-Presepju fil-knisja, fid-dar jew fid-dwejra tagħkom, għannu bil-ferħ kollu dik il-pasturali ħelwa, ħelwa, "Ninu ninu tal-Milied .........jew l-oħra "*Adeste fideles*"... li intkom tgħallimtu sa minn ħoġor ommkom, b'ġieh lil Ġesù Bambin, għax il-lum hi l-festa tat-Twelid Tiegħu!

Iżda b'dak kollu li jsir fil-Lejl tal-Milied fin-naħiet kollha tad-dinja, dak m'hux ħlief ħjiel, tixbiha dgħajfa ta' dak li jsir f'imkien ieħor biss, fil-GĦAR TA' BETLEM. Hemmhekk dak inhar, kull sura ta' ġieh, kollox jingħabar, jitħallat flimkien u jingħaqad f'armonija waħda: Daqq ta' flawtijiet mad-daqq taż-żaqq l-aktar ħelu, tbissim fuq l-uċuh mal-kant tas-Saċerdoti u ma l-adorazzjoni ta' l-Anġli, dija ta' kwiekeb jiddu mat-talb ħarqieni, bħur mal-fwejjaħ ta' ward ta' Twemmin, ta' Mħabba u ta' Qima, kif il-Patrijiet Franġiskani



*Knisja tar-Rgħajja.*

ta' l-Art Imqaddsa jafu hekk jagħmlu fi trijonf ta' ġieh u ta' glorja, bil-kobor tal-funzjonijiet tagħhom kif jixirqu lil-misteru mqaddes tat-Twelid ta' Kristu.

Għax, kos, tassew: f'Betlem, f'dak il-Għar, in-nieqa nbidlet f'Kattedra, għax minnha ġew imħabbra u mfissra l-ewwel tagħlimiet tal-liġi l-ġdida liġi tal-vera mħabba, li hi karita', ward ta' fwejjaħ safja u ta' faqar ikkonsagrati minn Ġesù, Messija Iben t'Alla, imċekken u, biex ngħid hekk,

imxejjen fil-libsa ta' bniedem biex jgħarrafha lill-istess bniedem u jifdih mill-jasar li fih kien imwaqqa' mħabba l-ħtija. Għax ulied Adam, imtebbgħin mill-ħtija ta' dak li kien missierhom fl-ordni fiżiku u morali, u għalhekk sa mit-twelid għedewwa tal-Mulej, kienu mxennqin jaraw il-ħelsien li kellu jasal mal-Messija mwiegħed, u kienu mxennqin jitolbu lis-Sema li jfittex jibgħat il-Ġust u li l-art tfittex tnibbet il-Feddej: "*Aperiatur terra et germinet Redemptorem*".

U fuq dak l-Għar ta' Betlem infetħu s-smewwiet, u l-għoljiet u l-iġbla, u l-widien ta' madwar l-ixxurtjata belt, ħassu l-ħajja ġdida!... Twieled f'Betlem tal-Lhudija l-Mixtieq, il-Mistenni, l-Messija, Ġesù, l-Emmanweli, il-Feddej tad-dinja!....

U hemm, ma' l-inħawi qrib ta' Betlem, 'il-fuq, 'il-fuq, fis-sema diefi miżgħud bi kwiekeb jiddu, malwidien imwarrdin, instama' d-diwi tal-għana ta' l-Anġli jħabbar it-Twelid ta' Kristu-Messija b'ġieħ lill-Mulej fil-għoli tas-Smewwiet u sliema fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba".

F'Betlem ukoll ir-ragħajja fettxew u sabu lil Ġesù Tarbija f'dak l-imqaddes lejl u wara li fdik in-nieqa fqajra għarkubbtejhom adorawh, stħoqqu li minn għandu jiġbru l-ewwel frott ta' l-imħabba tiegħu: "ĠID U SLIEMA".

A.M.



*It-Twelid tal-Bambin Ġesù*

# IL-MARTRI INNOCENTI

L-ewwel martri tal-Knisja hu d-Djaknu San Stiefnu, li kien imħaġġar mill-Lhud f'Ġerusalemm, wara li ġiet mitmuma minn Kristu l-Fidwa. Iżda qablu, u qabel ma Kristu ħa l-mewt tas-Salib, kien hemm oħrajn li sewwa sew mietu għal Kristu: huma l-Innoċenti li ġew maqtulin f'Betlem. Fuq in-nieqa ta' Ġesù Tarbija semmgħu l-għana ħelu tagħhom l-Anġli u qagħta oħra ta' Anġli, wara ftit taż-żmien, kellhom isemmgħu l-innu tal-kbira rebħa, hemm qrib l-istess nieqa, liż-żgħir Sultan tas-Sekli, li kien niżel mis-sema fl-art biex jgħolli mill-art għas-sema lill-bniedem. L-istess Betlem, li kienet in-nieqa tal-Feddej, kellha tkun ukoll in-nieqa ta' l-ewwel vittmi li xerrdu demmhom b'ġieh għal Ġesù, feddej tagħhom ukoll.

Erodi l-Kbir, li tqiegħed minn Ġulju Ċesri Prokuratur tal-Lhudija, bniedem kiefer u għajjur, malli sama' minn għand is-Slaten Maġi li kellu jitwieled il-mistenni Messija, bil-biża' li qabdu li f'xi jum kellu jitlef is-saltna, għamel f'rasu li jeqred l-imwieled Feddej; u għalhekk, amar lill-Maġi, li malli jsibu l-mixtieq Messija u jqimuh, jerġgħu lura għandu, biex huwa wkoll imur f'Betlem jadurah.

Iżda, fuq iċ-ċkejken Feddej kien hemm il-ħarsien tal-Provvidenza tas-Sema. Il-Maġi, imwissijin fil-ħolm li m'għandhomx jerġgħu lura għand Erodi, qabdu triq oħra u, fl-istess waqt is-Sagra Familja — b'amar tas-Sema — ħarbet għall-Eġittu.

Erodi, imbagħad, imqarraq mill-Maġi, amar li jkunu maqtulin it-trabi kollha ta' Betlem u ta' madwarha, minn sentejn 'l isfel, bil-għan li fosthom jinqatel ukoll is-Sultan Ġdid tal-Lhud.

Din il-ġrajja, imwettqa mis-suldati tal-gvernatur Erodi fil-belt sabiħa ta' David, ukoll wara qisu elfejn sena, tnissel biża' u l-akbar stmerrija għal biss tifkira tagħha; u għalkemm aħna llum bil-fantasija tagħna rridu nġibu dik id-dehra ta' demm, ta' qerda, ta' ġiri, ta' ħarba u ta' ommijiet jgħajtu, iwerżqu u jaħbu liċ-ċkejknin uliedhom, ma naslu qatt infissru sewwa dik ix-xena ta' biki u ta' niket. Nistgħu ngħidu, ma kienx baqa' dar li ma ġietx imċappsa bid-demm, ma kienx hemm omm li ma bkietx, bi dmugħ ta' l-akbar ħasra, lil xi wieħed minn uliedha maqtul mis-sejf ta' Erodi! Is-suldati ta' Erodi kien donnhom lupi mġewħa qalb merħla ħrief l-aktar ġwejda!

San Mattew l-Evanġelista (K. II) jiġbor dik il-ġrajja ta' niket kbir f'dak il-pass tal-Profeta Ġeremija: "Għajta nstegħmet f'Ruma, ta' twerżiq u ta' biki: Rakel a tibki 'l uliedha, bla ebda faraġ, għax m'humiex iżjed".

U fil-waqt li hekk għadd ta' ommijiet jinsabu mgħargħrin fl-akbar dwejjaq u hemm, uliedhom iċ-ċkejknin — veri anġli tal-Ġenna — ixejru f'idejhom palm u kuruni qrib it-tron tal-Mulej, ferħanin u beati għal dejjem.

Ma nafux kemm kienu t-tfal innoċenti maqtulin minn Erodi : il-kittieba, sew ta' dari, kemm tallum, ma jaqblux fuq din il-ħaġa. Xi wieħed jifhem li kienu xi 10 jew 20; xi ieħor jaħseb li kienu eluf. Il-fehma l-aktar qrib tas-sewwa aktar hi dik li tgħid, li l-Innoċenti maqtula f'Betlem u ma'

dwarha aktarx jaslu għal xi mija.

Aħbar ukoll ħafna qadima u ta' min joqgħod fuqha turina l-imkien, fejn xi erwieħ tajba, immexxijin minn Ruħ Il-Qodos, difnu b'qima dawk l-iġsma tal-maqtulin Tfal Innoċenti: sewwa sew f'għar ħdejn dak li fih kien twieled Ġesù. B'hekk il-Patrijiet Franġiskani, li jindukraw u jħarsu n-nieqa fil-Għar fejn twieled Ġesù, fil-purċissjoni li f'dan l-imkien jagħmlu ta' kull jum, wara li b'kant ta' innijiet, antifoni u talb ieħor iqimu l-Għar tat-Twelid tal-Feddej, jieqfu, jitolbu u jfaħħru b'talb ukoll f'qabarhom lill-maqtulin Innoċenti, fejn jitolbu lill-Mulej il-grazzja taż-żamma u ta' l-għixien f'dik il-Fidi li ħadna fil-magħmudija u li aħna ma nisktu qatt infaħħru u nxandru mad-dinja.

F'bosta nħawi tad-dinja hemm relikwji tal-Martri Innoċenti mħarsin u qegħdin għall-qima ta' l-insara. Il-gwerrier San Ġiljan, li ħa l-martiriu, fis-seklu XII, mill-kiefer Ezzelinu, meta raġa' lura mil-Lvant, kien ġieb miegħu l-fdal ta' tliet Martri Innoċenti, li qegħdhom f'urna ta'rħam, u li l-lum jinsabu meqjumin f'Padova, fil-Bażilka ta' Santa Ġustina. Fdalijiet oħra tagħhom hemm ukoll fil-knisja ta' S. Pietru ta' Muran, qrib Venezja; u San Karlu Boromew kien talab u qala' xi relikwji minn dawn, li huwa kien qassam lill-knejjes ta' l-Arċidjoċesi tiegħu u bħala tpattija kien ta lil dik il-Knisja ta' Muran Kalċi tad-deheb ċesellat ta' siwi kbir.

Santu Wsitin, Isqof u Kbir Duttur, fi priedka li kien għamel lill-poplu tiegħu, fit-28 ta' Diċembru, festa ta' l-Innoċenti, kien qal hekk: "Il-kiefer



*Il-Martri Innoċenti*

Erodi, qatt ma kien ikun għamel hekk ġid lil dawk iċ-ċkejknin bl-imħabba tiegħu, daqs kemm għamlil-hom bil-mibegħda, għax il-kefrija u l-mibegħda kontra dawk il-beati Tfal Żgħar inbidlet fi grazzja ta' Barka". U l-kbir Isqof u Duttur jissokta igħid: "Dawk iċ-ċkejknin Martri jixbhu lill-imwar delikat li joħroġ bikri mis-siġra tħaddar għall-bidu tar-rebbiegħa, imma li f'ħin wieħed jiġi mnixxef u maħruq minn buffura riħ kiesħa u nġazzata".

O Betlem, ix-xurtjata Betlem, li b'ferħ kbir tiegħek selmitlek l-ewwel ttbissima tal-Feddej misteni; iva ix-xurtjata għax offreit ukoll lill-istess ċkejken Feddej tad-dinja l-ewwel wardiet u l-ewwel frottijiet imnibbtin, imkabbrin u misjurin taħt il-ħarsien u t-tbissim ħelu ta' Bin-Alla, Ġesù Bambin, Feddej tad-dinja.

Fr. S.A.

# IL-QABAR...U. .L-OQBRA

Il-kbira debħa tal-Fidwa tagħna kienet ġa mitmuma. Il-ġisem bla demm u mitluq tal-Vittma bla ebda tebgħa kien u għadu mdendel fuq is-Salib, meta żewġ dixxipli twajbin tal-Bniedem-Alla — wara li qalgħu mill-ħakem is-setgħa — waslu mhejjija biex jagħmlu l-biċċa xogħol tal-ħniena li jniżżlu l-Imgħallem minn fuq is-Salib u jidfnu dak il-Ġisem Imqaddes tiegħu. Ftit tal-ħin wara, ġabra ċkejkna ta' nies — imma magħżula u divota, u maħkuma minn qima kbira — dehret nieżla mill-Għolja Mqaddsa, miexja lejn il-qabar — ġdid — fejn bi ħsus ta' ħasra kbira ġie mqiegħed dak is-Sagru Għelm tal-Fidwa.

Il-Qabar ta' Ġesù!...... hu żgur il-ħaġa l-aktar għażiża u li tiswa — jekk mhux l-aktar sagru u qaddis — għall-Bniedem Nisrani. U tas-sew, qabar jagħlaq fih mhux biss għelm għażiż, iżda wkoll iżomm fih u jfakkar ġabra ta' ħajja sħiħa, bħalli kieku ktieb magħluq, fejn hemm miktuba ħajja ta' ħidma mitmuma mill-għeżież tagħna; għax ta'jeb jidhrilna li, flimkien ma' dawk il-fdal tal-Ġisem, dak il-qabar jagħlaq fih ukoll kull ħidma u għalhekk ukoll il-merti, li jistħoqqu lil dak, li hemm rieqed f'dak l-imkien mudlam ta' l-aqwa serħan. — Dan il-ħsieb — ħafna floku mill-bqija! — jagħmel għażiż mill-aqwa f'għajnejn min jemmen il-Qabar Imbierek ta' Ġesù, li, jekk b'mewtu għamel sabiħa l-mewt, għax qaddisha bl-imħabba tiegħu, bin-niżla u l-qagħda tiegħu fil-qabar, waqqaf artal, fejn fuqu hu meqjum, kif jistħoqqlu, il-Mulej.

F'dawn il-jiem tax-xahar ta' Novembru, li donnhom hekk għandhom xejra ta' niket u swied il-qalb, fl-inħawi tal-Għarb u tax-Xerq, ma narawx quddiem għajnejna, l-iżjed fil-Ħdud, ħlief qtajja ta' żawwara mexjin lejn iċ-ċimiterji, u kull wieħed jew waħda jidħlu f'dak l-imkien iffittxu qabar għażiż, li fuqu jixegħlu dwal, iqiegħdu ward, iżejnu b'kull gost u, mhux rari ħafna, jxerrdu ukoll xi demgħa, magħfusin min-

niket. Jagħmlu dawn sewwa sew dak, li l-Maddalena tal-Evanġelju u t-twajbin nisa l-oħra riedu jagħmlu lill-Ġisem ta' Ġesù Mejjet, li huma kienu hekk iħobbu. Kemm hi sabiħa u tqanqal il-qalb din il-ġrajja kif l-Evanġelista San Luqa jgħidilna fl-aħħar kap tal-għidut tiegħu!

Kienu sejrin fil-għodu kmieni u mgħaġġlin dawk it-twajba nisa u ħadu magħhom...... xi xama'?...... lè!!...... xi ward?...... l-anqas!...... ħadu magħhom kus mimli bil-balzmu, bil-fehma li jidħlu fil-Qabar u b'dak l-ungwent ifuħ jidilku Ġisem Ġesù. U Ġesù ta' dan tahom ħlas: għamel li jkunu l-Ewwel xiedha tal-Qawma glorjuża tiegħu minn bejn l-Imwiet! B'liema ferħ ma mtlietx il-qalb ta' dawk l-ixxurtjati twajba nisa għall-aħbar ġdida li Kristu Ġesù kien qam minn bejn l-Imwiet?!...... u b'liema ħeġġa ma marrux dlonk jiġru għand l-Appostli sabiex jaqsmu magħhom il-ferħ ta' dik l-aħbar il-ġdida?" "*Vidimus Dominum: vere resurrexisse a mortuis*", rajna lill-Mulej: tassew qam minn bejn l-Imwiet!

O, imma, kemm xort'oħra huma l-ħsus li jkollhom l-insara tal-lum — għall-inqas ħafna minnhom — li jmorru jżuru l-oqbra fiċ-ċimiterji tagħna, l-iżjed f'dan ix-xahar ta' Novembru! Wisq drabi iż-żjara tagħhom ma tkunx ħlief biss wirja għall-oħrajn, ċerimonja bla ebda ħass ta' ħniena, dehra ta' qima kiesħa...... ħwejjeġ dawn li biss jaslu jpaxxu l-ħsus ta' frugħa f'min jagħmilhom, imma qatt ma jaslu jpaxxu l-qalb ħanina, u inqas ukoll jistgħu jiswew għall-imsejken mejjet li jmorru jżuru f'qabru. Anzi, wisq drabi ukoll, żjajjar bħal dawn — neqsin minn dak li minnhom infushom jitolbu — huma ta' għajb għal dak l-imkien sagru għat-tifkira tal-mejtin hemm midfuna u sagru ukoll għan-niket li minnu nnifsu jqanqal. Minsi l-balzmu tat-talb, imwarrab dak kollu li jiswa bħala suffraġju; naqas u tmewwet f'ħafna nsara dak il-ħass tal-vera mħabba, li jfittex u jrid il-veru ġid tal-persuna maħbuba, dak il-ġid li ma għandu jonqos qatt; mitfija fina l-virtù tal-ħniena, tiddgħajjef ukoll magħha l-idija ta' l-eternità, u hekk, l-imsejkna erwieħ ta' l-għeżież tagħna jiġu mitluqa u biss naħsbu...... biex nidhru nies ta' dmirna fid-dinja.

Ġesù rxoxta! Qam minn bejn l-Imwiet! B'hekk ta' ġieh u glorjus sar Qabru. Ukoll l-għeżież mejtin tagħna, jiġi l-jum, li fih iqumu mill-mewt, imma... u b'dan kollu......kieku kellhom ħtieġa tas-suffraġji tagħna?

Ekku, mela, id-dmir sagru ta' kull nisrani: iħaffef il-ħelsien mill-Purgatorju u l-irxuxtar għall-ħajja ħienja tal-għeżież mejtin tiegħu, u dan jista' jsir bit-talb, bl-għemil tal-ħniena ma' għajrna u bis-sagrifiċċju l-iżjed tal-Quddiesa.

U għandhom jiftakru dawk li f'dawn il-jiem imorru jżuru l-oqbra fiċ-ċimiterju, li biex inqumu għall-ħajja ġdida u ta' hena ma' Kristu mill-qabar jinħtieġ, qabel xejn, nagħrfu nimxu f'ħajjitna "*in novitate vitae*", billi ninfdew minn kull jasar tax-Xitan, tad-dinja u tal-ġisem. Għax kif sewwa mar jgħanni l-poeta Bracci:

> "......jieħu minn dawk li jgawdu
> vendetta
> l-istess tgawdija nfisha li tqarreb
> għall-mewt!
>
> ..................................
>
> Waqt li l-ġust li għix fit-Twemmin ma jmut qatt!

Fr. GAUDENZ

# IS-SANTWARJU TAL-VISITAZZJONI TAL-MADONNA F'GHAJN KAREM

## II

Bilkemm l-Arkanġlu Gabrijel kien temm il-missjoni tiegħu ġewwa Nażaret u, ferrieħi u mgħaġġel, ittajjar lejn is-sema bl-aħbar li wasal biex jitwettaq il-Misteru, li "mill-eternità kien moħbi f'Alla", li Marija Ssma. ma telqitx, hija wkoll bil-għaġla, biex tagħti l-istess aħbar lill-bnedmin ta' rieda tajba.



*Il-Kwadru tal-Lunzjata*

Il-Vanġelu mqaddes ma jtarrfilniex bi kliem eżatt l-isem tal-belt jew raħal fejn kienet toqgħod S. Elizabetta. Bi kliem sempliċi u qsajjar jgħidilna: "Qamet Marija f'dawk il-jiem u telqet bil-għaġla lejn l-għolja lejn belt ta' Ġuda u daħlet f'dar Zakkarija u sellmet lil Elizabett" (Luk. I, 39-40). Kif dejjem jiġri meta post storiku muhiex imsemmi b'ismu, ħafna jinħolqu, ma' tul iż-żmenijiet, idejiet u opinjonijiet. Min isemmi post u min isemmi ieħor. Xi wħud ħasbu li Zakkarija kien sommu saċerdot, li, skond il-liġi, kellu jgħammar f'Ġerusalemm u għalhekk għallmu li Zakkarija kien jgħix fil-belt ta' Ġerusalemm. Oħrajn tennew li dar Zakkarija kienet fil-belt ta' Ebron, billi din il-belt kienet qalb l-iġbla ta' Ġuda. Oħrajn waħlu fl-amanwensi li kitbu *Juda* flok *Yuttah*, belt li tiġi xi tmien mili 'l isfel minn Ebron. It-tradizzjoni, illum imsaħħa minn skavi arkeoloġiċi li saru f'dawn l-aħħar żmenijiet kif ukoll minn dokumenti miktuba qrib ħafna l-ġrajja taż-żjara tal-Madonna lil Santa Elizabetta, iżżomm li dar Zakkarija kienet tinsab f'Għajn Karem, belt ċkejkna li tiġi sewwa sew xi 4½ mili 'l isfel minn Ġerusalemm.

It-triq, li minn Nazzaret tieħu Għajn Karem, hija twila xi sitta u tmenin mil, li, biex timxiha trid ma' dwar it-tletin siegħa. Triq twila fiha nnifisha, imma ma ninsewx li Marija Ssma, kienet għadha żagħżugħa, u qalbha kienet imħeġġa minn imħabba kbira lejn Alla u lejn għajrha.

Il-Misteru taż-żjara tal-Madonna lil S. Elizabbetta għandha nqisuh bħala t-tkomplija tal-Misteru tal-Annunzjazjoni, għax kien fiż-żjara tal-Arkanġlu Gabrijel lill-Madonna li ġiet

mħabbra l-għażla ta' Marija bħala Omm ta' Ġesù u l-għażla ta' Elizabbetta bħala Omm tal-Battista fi xjuħitha (Luk. I, 36).

Id-dar ta' Zakkarija li fiha saret din il-laqgħa tal-Madonna ma' S. Elizabbetta u li semgħet dak l-innu ta' ħajr li ħareġ minn fomm Marija hekk kif ġiet imsellma bħala Omm Alla mill-qariba tagħha, ma setgħetx ma tiġix imfakkra b'xi knisja sabiħa



*Il-Grotta tal-Lunzjata*

li tistieden lir-ruħ nisranija biex tingħaqad f'dan l-inu ta' glorifikazzjoni 'l Alla. U tabilħaqq fis-sena 1939, fuq disinn sabiħ tal-perit Antonju Barluzzi ta' Ruma, ġiet mibnija bażilka ta' ġmiel tassew kbir li tixraq lil dan il-misteru. Qabel ma ngħaddu biex niddiskrivu din il-bażilka, irridu nagħmlu daqsxejn ta' mistoqsija: Għaliex il-Franġiskani, li ilhom jgħassu l-postijiet imqaddsa tal-Palestina, stennew sa din is-sena 1939, data tant imbiegħda mill-ġrajja li tfakkar, biex jibnu dan is-Santwarju?

Daqsxejn ta' storja ddawwal it-tradizzjoni li żżomm li Għajn Karem huwa l-post taż-żjara, u tfissrilna t-taħbit tal-Franġiskani biex waslu jibnu dan is-Santwarju.

Fi ktieb li San Pietru, isqof ta' Sebaste fl-Armenja kiteb biex jiddefendi d-divinità ta' Sidna Ġesù Kristu, ktieb mitbugħ fi tmiem is-seklu IV wara Kristu, tissemma knisja li ġiet mibnija f'Aelia (ħdejn Ġerusalemm, biex tfakkar iż-żjara tal-Madonna lil S. Elizabetta. Meta fis-seklu li għadda bdew isiru l-iskavi arkeoloġiċi fil-belt ta' Għajn Karem, instabu l-fdalijiet ta' din il-knisja. L-arkeoloġiċi huma kollha tal-fehma li dawn il-fdalijiet ma jistgħux ikunu xogħlijiet tal-Kroċjati, imma jaqbżu sewwa s-sekli VI u V wara Kristu. L-Arkimadrita Giethenus (li kiteb dwar is-sena 1400 wara Kristu) jgħidilna li sa dik is-sena l-knisja taż-żjara tal-Madonna kienet għadha miftuħa għall-qima tal-insara u kienu jħaddmuha l-Armeni li telquha għal kollox hekk kif il-Kroċjati ħallew il-belt ta' Għajn Karem. Il-Kustodju tat-Terra Santa, iċ-ċelebri Suriano, ħalla miktub fis-sena 1485 li fi żmien l-ewwel għażla tiegħu bħala superjur il-knisja kienet għadha sħiħa, imma mbagħad waqgħet u ma ġietx mill-ġdid mibnija, għax ma ġiex mogħti l-permess biex tiġi rranġata. B'dana kollu, billi l-artal maġġur kien għadu wieqaf fil-jiem ta' festa kienet għadha titqaddes il-quddiesa.

Fl-1679 il-Kustodju tat-Terra Santa rnexxielu jixtri l-fdalijiet tas-

Santwarju tal-Visitazjoni, u, wara ħafna talb ta' permessi u tfixkil liema bħalu mit-Torok, setgħet tiġi mibnija biss il-kappella ċkejkna li kienet tinsab taħt il-knisja l-kbira. Il-post tal-knisja l-kbira baqa' battal, u mażżmien sar qisu għalqa fejn il-mawmettani kienu jiżirgħu l-uċuħ bikrin tal-biedja tagħhom.

Fl-1869 din il-kappella ġiet imgħarrqa minn xita qawwija li niżlet bla waqfien għal jiem u ljieli sħaħ. Imma ġiet mibnija malajr u baqgħet tiġi mħaddma sas-sena 1939.

Fl-1939 nbeda l-bini tal-Bażilka l-ġdida fuq disinn, kif għedna, talperit Antonju Barluzzi. Hija knisja sabiħa, arjuża, li tilqgħek u ġġagħlek fis tingħabar biex titlob. Il-perit fittex li jispira ruħu mid-disinn tal-knejjes li ġew mibnija ma' tul iż-żmenijiet. L-ewwel fittex li jagħti sura xierqa lill-kappella, li, billi riedet tfakkar id-dar ta' Zakkarija, taha xejra iktar ta' dar milli ta' knisja. L-ewwel ħsieb li jiġi lil min jidħol iżur din il-kappella huwa: din x'inhi? Dar jew kappella? Iż-żokklu huwa rħam travertin mill-iktar fqir; il-paviment huwa mużajk minsuġ f'forma ta' ħasira; is-saqaf huwa mpinġi f'dilja li qiegħda tixxeblek mal-ħitan. Entrata twila tieħdok ħdejn daqsxejn ta' bir, li skond it-tradizzjoni, inħoloq fil-waqt taż-żjara tal-Madonna. Il-pellegrini għadhom sallum jixorbu b'devozzjoni minn dan il-bir. Taraġ twil u dejjaq jieħdok bilġri lejn il-knisja ta' fuq. Il-kappella għandha artal wieħed. Fl-isfond hemm mużajk kbir kollu għasafar, fjuri u kwiekeb. Flok ventartal hemm skolpit ħaruf, opra tassew sabiħa ta' A. Minghetti. Mal-ħitan hemm impinġija tliet kwadri, li juru: 1) is-saċerdozju ta' Zakkarija; 2) it-tgħannieqa ta' Marija Sama ma' S. Elizabbetta u 3) il-ħarba li, skond il-kotba apokrifi kellha tagħmel S. Elizabbetta biċ-ċkejken San Ġwann biex teħilsu mis-suldati tal-kiefer Erodi. Taħt din l-aħħar pittura hemm daqsxejn ta' niċċa b'żonqra qadima fejn, skond it-tradizzjoni, ġie moħbi San Gwann. Dawn il-kwadri pinġiehom A. della Torre (1940)

*Il-Knisja ta' Fuq.* Bieb tal-bronż tassew sabiħ, skolpit minn A. Minghetti jdaħħlek fil-knisja ta' fuq, magħmula minn korsija twila li tispiċċa f'naħa b'kor tal-ġewż, u f'naħ' oħra b'abside li fiha hemm l-artal maġġur. L-iskultura u t-tpinġija li fiha l-knisja għandha għan wieħed: il-glorifikazzjoni tal-Madonna. Is-saqaf huwa tal-injam, imqassam f'kassettuni dekorati u skolpiti bħalma kienet titlob l-arti toskana tal-"qwattrocento". Il-paviment tal-mużajk jurik kwantita' kbira ta' fjuri u annimali, innu ta' ġieħ lill-Madonna min-natura rraġunevoli. Fl-abside pittura kbira ta' F. Manetti li turi lill-Madonna qiegħda tiggIorifika lil Alla, fis-sema mdawwra minn kori tal-anġli u fl-art minn kotra ta' nsara li qegħdin jitolbu, u minn persunaġġi li jirrappreżentaw lill-Kustodju tat-Terra Santa u lill-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm li qegħdin joffru s-Santwarju lill-Madonna. Mal-ħajt tax-xellug hemm diversi anġli li qegħdin idoqqu u jkantaw; filwaqt li fuq dak tal-lemin hemm ħames affreski kbar ta' C. Vagarini (1949) li jridu ifakkru l-ġrajjiet li ħadmu ma' tul iż-żmien biex jigglorifikaw lill-Madonna. Naraw f'dawn il-kwadri: 1) id-disputa tal-B. Ġovanni Duns Skotu fis-Sorbona biex jiddefendi l-privileġġ tat-tnissil bla tebgħa tal-Madonna; 2) il-battalja ta' Lepanto li ġiet mirbuħa

bl-għajnuna tal-Madonna; 3) it-tieġ ta' Kana fejn Ġesù għamel l-ewwel miraklu mistieden mill-Madonna; 4) is-setgħa tal-Madonna fuq il-Knisja; u 5) il-laqgħa tal-Konċilju ta' Efesu, fejn Marija ġiet iddikjarata *Teotokos*, jiġifieri Omm Alla. Fil-Pilastri ta' bejn il-kwadri hemm impinġi b'ittri kbar il-'MANGNIFICAT' u fuqu xi xbihat ta' nisa tat-Testment l-Antik li jissimboleġġaw lill-Madonna.

Fil-faċċata li tgħaqqad il-bini tal-knisja ta' fuq ma dik tal-kappella ta' taħt hemm mużajk tassew kbir, maħdum fil-laboratorju tal-Vatikan fuq disinn ta' B. Biagetti (1939) li juri l-wasla tal-Madonna f'Għajn Karem, fil-waqt li S. Elizabbetta qiegħda tistenna biex tilqa' 'l Madonna. Mal-ħajt, imbagħad, li jdawwar il-pjazza ta' quddiem il-knisja hemm imtenni fuq majolika b'ilsna differenti l-kant tal-'Magnificat.' Ma setax jonqos li ma jinstabx ukoll bil-Malti dana l-innu.

Dan kollu li ktibna juri li ma kenitx it-traskuraġni u lanqas in-nuqqas ta' ħsieb li ħalla l-bini ta' dan is-Santwarju għal data hekk qrib lejna u tant imbiegħda mill-ġrajja li trid ifakkar, imma kien it-tfixkil li miegħu dejjem kellhom jikkumbattu l-Franġiskani fl-Art Imqaddsa tal-Palestina qabel ma rnexxielhom iżejnu mqar b'ġebla waħda l-postijiet għeżież tar-reliġjon imqaddsa tagħna. Jalla jinbidlu dawn iż-żmenijiet u jonqos dan it-tfixkil biex iktar jisbieħu postijiet hekk għeżież u qaddisa.

*Nota. Min irid iktar tagħrif fuq Għajn Karem u s-Santwarji tagħha jaqra l-artikli sbieħ li nkitbu f'din r-Rivista fl-I II sena.*

# ID-DIN NISRANI FIL-LVANT NOFSANI

## (IL-KNISJA BIŻANTINA)

Il-Knisja Biżantina tħaddan fiha l-Knisja Griega u l-Knisja Griega-Kattolka jew Melkita, li t-tnejn għandhom bħala belt tagħhom Kostantinopli. Qabel, dil-belt kienet tissejjaħ "Bisantium", u minn dan l-isem ħarġet il-kelma "biżantin".

"Bisantium" kienet l-aktar belt importanti tat-Traċja, qabel ma l-Imperatur Kostantinu fis-sena 330 W.K. taha l-isem ta' Kostantinopli. Il-Liturġija ta' Kostantinopli mhix waħda ġenwina, iżda hi taħlita ta' ħafna liturġiji, ngħidu aħna il-liturġija ta' Pontu, Ġerusalemm u fuq kollox ta' Antijokja. Mela, minn dawn il-liturġiji flimkien ħarġet dik ta' Kostantinopli li sa mis-seklu ħamsa. W.K. bdiet tinfirex u taħkem fuq l-Asja Minuri. L-aktar li ħadmu għal-liturġija biżantina kien San Ġwann Grisostmu u San Bażilju. Aktar tard, bil-ħedma tal-Melkiti li xerrduha mal-Lvant Nofsani kisbet importanza akbar, u dan ġara wkoll billi San Ġwann Damaxxenu kitbilha ħafna innijiet. Il-lum iħaddnu din il-Liturġija biżantina il-Knejjes Griegi, Russi, Serbi, Bulgari, Gorġjani, u l-Knisja Melkita ta' l-Għarab. L-Or-

todossi ta' dan ir-rit jgħoddu (bejn wieħed u ieħor) 'il fuq min 150 miljun, waqt li l-għadd ta' Kattoliċi ta' dan ir-rit ma jaqbiżx is-seba' miljun u nofs.

*IL-KNISJA GRIEGA ORTODOSSA.*

Il-Knisja Griega Ortodossa taħkem, tista' tgħid, fuq il-Lvant kollu, tneħħi l-Iraq u l-Iran. Tagħmel ħilitha biex ma tħallix li l-Knisja Latina, Knejjes Orjentali Kattoliċi u Knejjes Protestanti, jidħlu fejn qiegħda hi. Minn nofs is-seklu l-ieħor il-Knisja Griega Ortodossa kellha tneħħi minnha dik ix-xejra għalkollox griega, biex tħalli ortodossi oħra jinqdew bl-ilsien Għarbi. Din ix-xejra seħħet l-iżjed fis-Surija u fil-Libnan. U b'hekk insibu llum żewġ xerkiet li għalkemm it-tnejn ortodossi jintagħżlu bejniethom bejn ix-xirka ta' l-ilsien grieg u oħra ta' l-għarbi.

Il-Knisja Griega Ortodossa ta' l-ilsien grieg żammet iċ-ċelibat u wkoll għandha l-kunventi tagħha. Dan l-aktar fil-Palestina fejn jgħixu patrijiet ta' ħajja tabilħaqq tajba fil-kunventi ta' San Saba, ta' San Garasmu u fil-magħruf marħab ta' Santa Katarina fil-qalba ta' ġebel is-Sinaj. Il-patrijiet griegi, flimkien ma' dawk latini u armeni ortodossi u kopti ortodossi, jieħdu ħsieb il-bażilka tal-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalemm u l-bażilka tat-Twelid ta' Ġesù f'Betlem.

Il-Kleru tal-Knisja Griega-Ortodossa ta' l-ilsien għarbi għandha l-biċċa l-kbira tal-qassisin tagħha miżżewġin. Dawn jieħdu ħsieb l-Insara mxerrdin tas-Surija, tal-Libnan, tal-Ġurdanja u ta' Israel. Hemm ukoll għadd żgħir ta' qassisin mhux miżżewġin li jgħinu l-isqfijiet u għandhom il-jedd li huma wkoll isiru isqfijiet jew irjus kbar fix-xirka.

Mela l-Knisja Griega-Ortodossa hi maqsuma f'erba' patrijarkati u tħaddan ħafna djoċesijiet. Il-patrijarkati huma dawn:- Il-Patrijarka ta' Kostantinopli, l-aktar importanti, u jieħu l-ewwel fuq l-oħrajn; il-Patrijarka ta' l-Ilsien grieg ta' Ġerusalemm; il-Patrijarka ta l-Ilsien grieg ta' Lixandra; il-Patrijarka ta' l-Ilsien għarbi ta' Antijokja.

Din il-Knisja għandha ħidma mferrxa ħafna. Tmexxi kulleġġi, skejjel, sptarijiet u djar għax-xjuħ. L-Ortodossi Għarab huma neqsin mill-qassisin, għalhekk imnebbħin mill-Azzjoni Kattolika tagħna, waqqfu għaqdiet ta' żgħażagħ (u dawn l-aktar insibuhom fic-Surija u fil-Libnan) bil-għan li jkunu mezz li jxerrdu mad-dinja ta' madwarhom il-messaġġ tal-fidwa ta' Kristu.

*IL-KNISJA GRIEGA KATTOLKA*

Il-Knisja Griega Kattolka tissejjaħ ukoll Melkita. Naraw daqsxejn tal-ġrajja. L-Insara ta' l-Imperu Orjentali li baqgħu marbuta mat-tagħlim kollu tal-Konċilju ta' Kalċedonja ġew imsejħa Melkiti, u dan għax ma kisruhiex ma' l-Imperatur Kostantinu. Il-kelma "Malik" tfisser sultan, imperatur. Minn hawn mela l-isem. Sa nofs is-seklu l-ieħor quddiem il-liġi kienu meqjusa bħala ħaġa waħda ma' l-Ortodossi, għalkemm bħala Kattoliċi kienu fi ħdan il-Knisja Kattolka, Apostolka, Rumana. Bil-ħidma siewja u għaqlija tal-Patrijarka Massu Mazlum infirdu għal kollox minn kull rabta ma' l-Ortodossi u saru xirka independenti, magħquda f'kollox ma' Ruma. Baqgħu biss iżommu r-rit bizantin. Barra l-qassisin, il-Knisja Griega Kattolka għandha l-patrijiet bażiljani maqsuma fi tliet fergħat. U dawn huma: 1) il-

Baziljani ta' Aleppu; 2) is-Salvatorjani; 3) ix-Xewriti fuq Ġebel l-Libnan. Hemm ukoll Xirka ta' qassisin, imsejħin "Pawlisti" li għandhom id-dar ewlenija tagħhom f'Harissa. Din ix-xirka twaqqfet mill-Isqof Germanos Akkad bl-għan li xxerred it-Tagħlim Kattoliku bil-kelma u bil-kitba.

Ir-ras tal-Knisja Melkita hu l-Patrijarka ta' Antijokja, ta' Ġerusalemm, ta' Lixandra u tal-Lvant Nofsani kollu. Dan il-Patrijarka joqgħod sew f'Damasku kif ukoll fil-Kajr. Il-ħakma spiritwali tiegħu tinfirex fuq is-Surija, il-Libnan, il-Ġurdanja, Israeli, l-Eġittu u l-Asja Minuri. Għandu ħames djoċesijiet fis-Surija, sebgħa fil-Libnan, tnejn fil-Ġurdanja, waħda f'Israeli, waħda fl-Eġittu, u oħra fil-Brażil li tieħu magħha l-Amerka t'Isfel kollha.

Wara l-aħħar gwerra dinjija, il-Knisja Kattolika Melkita mxiet 'il quddiem bis-sħiħ. Għamlet tibdil ta' ġid kbir fid-djoċesijiet u fit-twaqqif ta' seminarji ġodda; dawn huma magħrufin mal-Lvant Nofsani kollu, u l-aktar is-seminarju filosofiku u teoloġiku ta' Ġerusalemm, u s-seminarju ż-żgħir ta' Rajak fil-Libnan.

Il-Kattoliċi Griegi jew Melkiti għandhom f'idejhom żewġ santwarji: is-Santwarju hekk imsejjah tal-"Veronika" f'Ġerusalemm, u s-sinagoga ta' Nazzaret. Ix-Xirka Griega Kattolika, imbagħad, għandha wkoll is-sorijiet. U dawn huma: 1) is-sorijiet Salvatorjani; 2) is-sorijiet Xewriti; 3) u s-sorijiet tas-Sokkors Perpetwu. Ma' dawn jaħdmu id f'id (għax kattoliki bħalhom) għaqdiet tar-rit latin. B'hekk insibu jaħdmu mal-Kattoliċi Melkiti is-sorijiet ta' Nazzaret, is-sorijiet ta' Besanzon u f'xi rħula mbegħdin is-sorijiet iż-żgħar ta' Ġesù. Niltaqgħu wkoll ma' l-A.F.I (Ausiliarie Femminili Internazionali) għaqda ħabrieka mixgħula bil-ħeġġa ta' Kristu.

B'hekk tajna ħarsa ħafifa fuq il-Knisja Biżantina; darb'oħar jekk Alla jrid, naraw xi ħaġa fuq il-Knejjes Koptin.

*Fr. GWANN GRISOSTMU ALAFI, O.F.M.*

## ĦWEJJEĠ TAL-FAMILJA

Surmast kien qed ifisser mnejn ġie l-bniedem fid-dinja.

— Il-Papà qalli — qabeż Karlettu — li aħna ġejjin mix-xadini.

U s-Surmast infantas, infantas:

— L-affarijiet tal-familja m'humiex ħwejjeġ ta' l-iskola.

## TALBA MIĊĦUDA

Waħda Sinjura, xiħa għakka u tbati bl-ażżma, titlob lil wieħed:

— Ħalli nara: kemm-il sena ttini?

— Jisgħobbini, ma nistax intik iżjed, iwieġeb dak, għax, Sinjura, għandek wisq iżjed minni biżżejjed!

## XEWQA KURJUŻA

— Ah!... li kont nista' nħallas dak li tħallas int, qal wieħed lil sieħbu.

— X'inħallas jiena? ! qallu l-ieħor mistagħġeb u kurjuż.

— It-taxxa ta' dawk li m'humiex miżżewġin: tal-ġuvintur u x-xebbiet.

# It-Tieni Taqsima — IMĦABBA

# "STATU QUO"

## Il-Kwistjoni Tiegħu Fil-Palestina

(*Jaqbad ma' l-għadd ta' qabel, faċċ.* 71)

Kif rajna fl-għadd ta' qabel ta' dan il-Qari, il-kwistjoni tal-Imkejjen Imqaddsa fil-Palestina kienet ħadet xeħta bil-ħafna għal- l-agħar: kienet waslet fl-aqwa tiġrib jew kriżi tagħha. Minn dak li sa mill-ewwel kienu għamlu l-Griegi sabiex b'kull qerq jiksbu taħt idejhom is-Santwarji Mqaddsa mingħajr ma qatt waslu għall-għan tagħhom, il-kwistjoni qajl, qajl, hekk għaddiet il quddiem li mingħajr xejn mistħija, fil-beraħ u bil-miftuħ, waslet għal veru serq ta' bla ebda smerrija ta' l-istess Santwarji tal-Fidwa tagħna. Dawn is-Stantwarji għal iżjed minn 50 sena kienu nżammu bla ebda jedd taħt idejn il-Griegi u biss wara mhux ftit taħbit u tfixkil, għalkemm kien hemm il-"firman" ta' 1690, li b'amar tal-Qorti ta' Kostantinopli kien irodd lura s-Santwarji lill-propretarji leġittmi, l-Irħieb Franġiskani, kien inħtieġ il-biża' tal-qawwa ta' l-armi biex dawk is-Santwarji jerġgħu jirtaddu lill-veri u leġittmi proprijetarji tagħhom, il-Franġiskani. Għalhekk, minn dak li għadda, wieħed kien jsita' jobsor ta' kemm tiġrib kellu jkun il-ġejjieni għall-qagħda tas-Santwarji tal-fidwa tagħna fl-Art Imqaddsa.

Is-slaten u l-prinċpijiet kattolki ta' l-Ewropa, f'dawk l-aħħar snin, kienu għamlu kullma setgħu biex isir ħaqq u tinqata' darba għal dejjem il-kwistjoni fuq il-proprijeta u l-użu tas-Santwarji: il-kwistjoni mis-slaten u mill-prinċpijiet ta' l-Ewropa kienet meqjusa bħallikieku tidħol fost dawk il-ħwejjeġ li huma ta' interess lil kull nazzjon nisranija u li din kellha taqbeż għalihom u tiddefendihom meta jiġu miksurin jew b'xi mod imnaqqsin jeddijiethom fl-Orjent. U dan tassew, il-gvernijiet ta' l-Ewropa kienu jagħmlu bil-għaqal u bil-ħila kollha, hekk, li kull meta kellhom x'jaqsmu mal-gvern tork, fuq xi nuqqas ta' ftehim jew fuq xi trattati bejniethom, kull darba u dejjem, b'għajnejhom miftuħa, fettxew li dawk it-trattati jdaħħlu xi klawsuli li għandhom iħarsu l-libertà tal-kult u l-proprijetà u l-użu tas-Santwarji Mqaddsa. Hekk kien sar fit-trattat tal-paċi ta' Garlowitz fl-1699, f'dak ta' Passarowitz fl-1718, f'dak ta' Belgrad fl-1739, u f'dak ta' Sistow fl-1791.

Dan ix-xogħol kien meħtieġ li jsir ħafna min-naħa ta' l-istati Kattolċi ta' l-Ewropa. Ara kemm kien jinħtieġ li jsir u bil-għaqal kollu! Il-Kleru Grieg Xismatku, għalkemm kien sab ruħu minn taħt u mirbuħ bl-aħħar "firman" ta' 1690, li kien għaraf u radd bil-ħaqq kollu l-proprijeta' u l-użu ta' l-Irħieb Franġiskani fuq is-Santwarji, ma' dan kollu, ma kienx xogħof, u kien juri li, bissewwa jew bid-dnewwa, jrid iħaqqaq mal-Franġiskani sa kemm jirbaħhom u jitfagħhom 'il barra mis-Santwarji.

U kif għaldaqshekk, il-Griegi fasslu l-pjan tagħhom biex jaslu għal dan il-għan? Għal l-ewwel billi jinku u jfittxu jdejqu lill-Irħieb Franġiskani li kienu medhijin jaqdu dmirhom fis-Santwarji tagħhom; u dan għamluh b'elf ħaġa, l-iżjed billi ma jħalluhomx jagħmlu dawk it-tiswijiet meħtieġa fis-Santwarji. U għandna niftakru, li f'dawk id-29 sena, mill-1690 sa l-1719, il-Franġiskani kellhom imxandra favur tagħhom mill-Gvern Tork 7 firmani, li dawn juru biċ-ċar kemm sodi kienu u huma l-jeddijiet tal-Latini fuq is-Santwarji u kemm dejjem ġiebu ruħhom ħażin u ta' ġwejjef f'għamilhom il-Griegi kontra l-Latini f'Ġerusalemm.

Iżda, dan li għedna fuq l-imġiba tal-Kleru Grieg mal-Latini għadu mhux kollox. Ġrajja oħra ta' ġufija maħsuba, sa minn ħafna żmien qabel, u li donnha m'għandhiex titwemmen għall-kruha tagħha, kienet dik li ġrat fir-rebbiegħa ta' 1757 f'Ġerusalemm, fl-aqwa Santwarju tad-dinja, il-Qabar ta' Kristu.

Kien ma' tul il-Ġimgħa l-Kbira, u sewwa sew bil-lejl ta' qabel Ħadd Il-Palm, meta ġliba griegi imxewxin u armati għall-aħħar mill-Kleru tagħhom, inxteħtu f'daqqa waħda fil-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu. Għal dik il-ħabta tal-btajjel ta' l-Għid Il-Kbir, il-Franġiskani kienu mdorrijin iżejnu l-edikula tal-Qabar ta' Kristu b'damaskijiet mill-aktar li jqumu flus, b'lampieri tad-deheb u tal-fidda, li kienu ġew mogħtijin minn slaten u minn għonja divoti, u bi ħwejjeġ oħra li jiswew mhux ftit.

Dik il-ġliba ta' Griegi, qisha mxajtna u mitlufa f'demmha, intefgħet f'dak l-Imkien Qaddis tqatta', iċċarrat, tkisser u tħarbat, bi bsaten, b'mazez, bi skieken u b'kull ma kellha f'idejha dawk il-ħwejjeġ għonja, bi ħsara u qerda ta' eluf u eluf ta' liri. U dan donnu mhux biż-żejjed, kif kienu mitlufin f'demmhom, marru jaħbtu għall-kunvent fejn kienu l-Irħieb Latini bil-għan li joqtluhom, li dawn, kif intebħu bil-ħsieb tal-Griegi, dlonk għalqu u mbarraw biebhom, u b'hekk biss ħelsu millmewt.

Mitmuma dil-ġrajja ta' vandaliżmu fl-Imkien l-aktar qaddis tad-dinja, x'kellu l-wiċċ jagħmel l-Kleru Grieg, li għal kollox kien ħaseb sa minn qabel dik il-ġrajja mistmerra! Fittex li dlonk juża l-qerq u l-ħżunija! Għalhekk, għamel malajr relazzjoni bil-kitba ta' dik il-ġrajja ta' niket u ta' mewt, għamilha kif deherlu hu u kif kien jaqbillu, b'dak il-għan li jiġbed kollox għal xawwatu, u bgħatha f'Kostantinopli bħala tixlija lill-Irħieb Franġiskani, bħal li kieku, kienu dawn li qajmu dik ir-rewwixta u għamlu dik il-ħerba kollha. U kemm ħsara ġiebet din it-tixlija kontra l-Franġiskani! X'ħaqq tassew ta' stmerrija għamel il-Gvern Tork!

Il-Gvern Tork emmen, jew ried jemmen dik ir-relazzjoni ta' qerq mibgħuta mill-Griegi u, mingħajr ma qagħad ifittex li jagħraf is-sewwa kif ġraw il-ħwejjeġ, u min kien tassew il-ħati, is-Sultan tat-Turkija qatagħha kif deherlu hu, favur il-Griegi, u bħala effett ta' dan il-ħaqq tahom kitba li biha għaraf il-qagħda u l-pussess tagħhom "fil-Bażilka ta' Betlem, fil-Qabar tal-Madonna, fis-seba' arkati mseħħin ukoll tal-Madonna, u għarafhom ukoll bħala "komproprijietarji" mal-Latini tal-Edikula tal-Qabar ta' Kristu u tal-Lapida fejn ġie midluk mejjet fl-istess bażilka tal-Qabar ta' Kristu.

Jista' wieħed jaħseb, x'ħassew u kif baqgħu l-Franġiskani għall-aħbar ta' dan il-ħaqq inġust u kiefer! F'dak iż-żmien huma kienu kollha ħrara medhijin isewwu l-ħsarat minn dik il-ħerba li kienu wettqu l-Griegi f'dak il-lejl ta' biża' u ta' mewt. Huma għalhekk, baqgħu ssummati u miblugħin għal dik l-aħbar kerha u xejn mistennija. Dikment wasslu l-aħbar kiefra lis-Santa Sedi u lil-Ambaxxaturi Kattolki Oċċidentali f'Kostantinopli.

Kien fuq it-Tron ta' San Pietru l-Papa Klement XIII, u dan malajr ta każ sabiex bid-deħen tiegħu kollu jfittex li jikseb dak kollu li kien intilef mis-Santwarji tal-Fidwa tagħna b'dak il-ħaqq inġust tal-gvern tork. Sejjaħ għalhekk, lil P. Tumas Norawieskij, bniedem dehni, għaqli u diplomatku kemm trid, u bagħtu bl-għan waħdieni fil-qrati kollha tas-slaten ta' l-Ewropa jitlob f'isem il-Papa għajnuna u ndħil għaż-żamma tal-jeddijiet tal-Knisja Latina fuq is-Santwarji tal-Palestina, miksurin mill-Gvern Tork. Sabiex jaqdi din il-missjoni f'isem il-Papa, il-P. Tumas Norawieskij, bejn is-snin 1758 u 1759, mar fil-Qorti tar-Rè ta' Napli, imbagħad, f'dak ta' Lisbona, f'ta' Turin, f'ta' Parigi, f'ta' l-Ingilterra, f'tal-Polonja u, fl-aħħar f'dak ta' Vjenna: għamel kemm seta' biex iħeġġeġ dawk il-gvernijiet biex jingħaqdu flimkien u jitolbu li titħassar dik is-sentenza u darba għal dejjem isir il-ħaqq fuq il-kwistjoni tas-Santwarji Latini fl-Art Imqaddsa.

L-Ambaxxaturi Ewropej f'Kostantinopli, f'isem il-gvernijiet tagħhom, ressqu kull wieħed l-għadieb tannazzjon tiegħu bi protesta kontra dak il-ħaqq mogħti mis-Sultan Tork, b'talba qawwija li targa' tiġi mifluja u magħrufa aħjar il-kwistjoni mill-Gvern Ottuman; iżda, la f'dak iż-żmien, u l-anqas qatt, ma ngħatat it-tweġiba mistennija. Hu ta' l-għaġeb, imbagħad, kif l-Ambaxxaturi Ewropej, fil-laqgħa li fl-1770 kellhom flimkien għal dan il-għan, ġew għal-fehma u qatgħuha li "għax il-Gran Viżir ma jara qatt sbieħ lil-Latini u dejjem u f'kollox hu mhejji li jmur kontra tagħhom, ikun għal xejn li jinħela ż-żmien miegħu, u, aktar jaqbel li l-kwistjoni tal-jeddijiet Latini fuq il-proprjeta' u l-użu ta' dawk l-Imkejjen tal-Fidwa tagħna, titħalla għal żminijiet aħjar".

U b'hekk il-kwistjoni ta' l-Imkejjen Imqaddsa u tas-serqa vandalika li għamlu l-Griegi baqgħet imdendla u għadha tistenna li tiġi maħlula bil-ħaqq kollu, kif jixraq u kif jinħtieġ. Is-Santa Sedi u l-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, ukoll wara dan kollu, ma raqdux: huma fettxew dejjem u b'kull mod iqiegħdu fis-sod darba għal dejjem il-jeddijiet tagħhom. Ma dan kollu iżda, minn dak il-jum 'il hawn, l-Imkejjen Imqaddsa tal-Fidwa tagħna baqgħu u għadhom sal-lum iħossu u jġarrbu il-kbira ħsara ta' dik ir-rewwixta mistmerra li ġrat fir-rebbiegħa ta' 1757 u ta' dak il-firman mogħti mis-sultan tork, ukoll f'dik l-istess sena.

F'ħarġ'oħra ta' dan il-Qari niflu u naraw "l-aħħar fażi" tal-kwistjoni fuq l-imbierek jew aktarx misħut "Statu Quo" fuq it-tliet Santwarji fil-Palestina.

P.N.M.

# DAWL GDID MIS-SEMA

Hu magħruf, għax ta' sikwit jiġi mtenni: Ħadd ma jitwieled mgħallem, kif ukoll *nemo repente fit doctus*: ħadd ma jsir għaref f'daqqa waħda. Dan hu hekk tassew, li nafuh mill-istess għemilna, minn dak li għadda minn għalina, l-iżjed fiż-żmien ta' żgħożitna, meta konna nfittxu nrawmu s-sisien ta' ħajitna. Minn dan għandna nifhmu li kull bniedem, hu min hu, jinħtieġ min jgħallmu, li jkollu min imexxih, l-iżjed fl-ewwel mixi tal-ħajja: kull fis id-dinja ntebħet, li dawk l-iskejjel, għalkemm ħafna 'l quddiem fil-għerf, ma setgħux ikunu biż-żejjed għall-bniedem, għax il-bniedem ma setax jgħallem lil ħuh dak l-għerf li hu qatt ma kien sama'u li għalih kien għal kollox meħtieġ biex jintrefa' ftit il fuq mill-qagħda li kien fiha, billi jħares u jifhem ftit mnejn ġie u għal fejn ġie fid-dinja. Għax f'dawk l-iskejjel ta' għerf il-bniedem kien jonqos id-dawl tal-Fidi, u għalhekk il-bniedem issokta miexi



*Kristu jitkellem mad-Dixxipli*

wieħed, għaldaqshekk, għandu jagħmilha ta' dixxiplu u jħalli lil min imexxih, jgħallmu u jsawwarlu mġibtu għal ħajja xierqa.

Bnedmin kbar, fiż-żmenijiet talqedem, għollew fl-ogħla ġieh l-iskejjel ta' Ateni u ta' Ruma, iżda jitbandal, biex ngħid hekk, l'hawn u l'hemm, fid-dubju u fit-tiġrib, ta' dawk il-ħwejjeġ li kien jinħtieġlu jaf biex jista' jgħix ħajja moralment xierqa. — Hu tassew, li ma' tul iż-żmenijiet, qalb dawk id-dlamijiet ta' taħsir ta' Fidi u ta' morali, xi xaqq

ta' dawl mill-għoli kien leħħ li ġibed għal ħin id-dehen tal-ġnus, imma kien dawl qasir għal ftit ħin biss.

Iżda mbagħad, fil-milja taż-żmenijiet, ġie ĠESU' MGĦALLEM TAD-DINJA. — Hu, il-Kelma għarfa minnha nfisha, ried jagħmilha ta' mgħallem lill-bniedem, biex jgħallmu dak kollu li ebda ħlejqa oħra qatt setgħet tgħallmu u tfiehmu. U Ġesù ta L-EWWEL TAGĦLIMA TIEGĦU, għadu żagħżugħ, fit-Tempju ta' Ġerusalemm, fejn bit-tifsirijiet li ta fuq il-Kotba Mqaddsa għaġġeb lil kull min semgħu u ħabbel lil dawk l-Għorrief tal-liġi l-qadima. Dan imma kien biss bħala ż-żerriq ta' jum mimli għal kollox b'dawl tas-Sema, li fih bosta u bosta erwieħ kellhom jiġu mdawlin. Iżda miż-żerniq dawwali ta' dak il-jum għal ħin ta' qawwa ta' xemx tikwi, kellhom jgħaddu tmintax-il sena fi skiet kbir u misterjuż.

F'jum wieħed, imbagħad, wara dawk it-tmintax-il sena, — fis-Sinagoga ta' Nazzaret — (li kienu kisbu l-Patrijiet Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa u wara kienu tawha lil ħutna l-Griegi Kattoliki)kien deher ĠESU', fejn bis-setgħa tiegħu kollha wera ruħu MESSIJA, mibgħut minn Alla Missieru biex jgħallem lill-ulied ta' Israel. Iżda "Ebda Profetta qatt ma ġie milqugħ f'pajjiżu..." U sewwa sew dan ġara wkoll lill-Imgħallem Ġesù f'Nazzaret. Għalhekk, Ġesù telaq minn Nazzaret għal naħiet oħra u ma' tul ix-xtajtiet tal-Baħar ta' Ġenezaret sab u ġabar

L-EWWEL DIXXIPLI TIEGĦU. Kienu dawn — tabilħaqq — foqra ferm, imkittfin, nies lura u ta' bla ebda tagħlim, imma ġwejdin, ta' qalbhom tad-deheb u minn Ġesù hekk tgħallmu u tgħallmu hekk li — wara ftit taż-żmien — Ġesù qegħedhom sisien tal-Knisja Tiegħu; hekk ħarriġhom fil-għerf u fil-għaqal li għamel minnhom Dutturi Kbar u bagħathom jgħallmu d-dinja kollha — U dawk it-tnax ta' l-ewwel hekk kibru, li saru tnejn u sebgħin, imbagħad fi ftit snin saru eluf u eluf... u llum miljuni u miljuni.

Dawk ta' l-ewwel tgħallmu u mtlew bl-għerf billi semgħu il-kliem tal-ħajja mill-istess fomm ta' Ġesù; iddixxipli ta' warajhom, dawk taż-żminijiet imbiegħda u dawk tal-lum... aħna nfusna, billi nisimgħu bil-qalb dak l-istess kliem tal-ħajja, mogħti u merħi f'idejn "Maġisteru Infallibli" — il-Knisja — misimugħin u milqugħin f'riġlejn Kristu Msallab, li hu l-ktieb ġawhri tal-Qaddisin.

IT-TAGĦLIM IL-ĠDID ġie mogħti minn Ġesù lill-kotra li kienet warajh, minn fuq għolja, qrib Kafarnahum. U f'dak il-jum, li qatt ma jintesa, ingħatat tagħlima, li minnha nfisha kellha ġġib taħbila u bidla fl-imħuħ u fil-qlub hekk kbira, li kellha tbiddel, f'daqqa ta' għajn, wiċċ id-dinja. U mhux iżjed henjin l-għonja, il-qawwijin, ix-xalaturi, u l-bqija, imma henjin huma l-foqra ta' l-ispirtu, il-ġwejdin, l-umli u l-mansweti u dawk li għandhom l-għatx tal-ġustizzja, il-maħqurin u ta' drawwiet safja, għax ta' dawn tkun is-saltna tas-Sema!" U din it-tagħlima ta' Ġesù kienet dik li ħolqot għliba ta' bla għadd ta' Martri, li ħammru bl-imxerred demmhom l-art kollha; għliba bla għadd ta' dawk li biddlu ħajjithom u ħarbu mid-dinja jibku u jagħmlu tewba iebsa għal dnubiethom; għliba bla qies ta' Anakoreti, ta' Foqra għax iridu, ta' Safjin, ta' Verġni... ta' ġlejjeb, iva, bla għadd, ta' Nies Kbar ta' kull sura u ta' kull qagħda, ta' kull

ġens u ta' kull żmien, ukoll f'dawn l-istess żminijietna. U dawn huma IL-QADDISIN, magħrufin u mhumiex, imma li isimhom hu mniżżel fil-kteb tal-ħajja minn Alla nnifsu: huma l-Qaddisin, imnibbtin u mwarrdin f'riġlejn Ġesù msallab, imsoqqijin min-nida tas-Sema u mħammrin mid-demm għażiż tal-Bniedem-Alla, Feddej Divin; huma l-Qaddisn, il-ħelwin dixxipli ta' Ġesù, li għas-sejħa ta' l-Imgħallem wieġbu malajr u minn qalbhom, bħal Pietru, Indri u l-oħrajn ewlenin appostli; huma l-Qaddisin kollha, li t-twajba Ommna l-Knisja tfakkar u tħaddan f'tagħniqa ħelwa ta' Omm f'dan ix-xahar ta' Novembru, u filħin li tfakkarhom lil uliedha li għadhom mexjin f'dan il-wied taddmugħ — tqegħidhomlhom bħala xempju sabiex fuqhom jimxu u lilhom jixxiebhu. Lilhom ukoll titlob u ssejjaħ sabiex b'talbhom jgħinuha quddiem Alla, biex jieqaf magħha u ma' wliedha fit-tiġrib kollu li ma jonqos qatt ma' tul din il-ħajja ta' l-art.

BEATI!!... dawk l-erwieħ kollha li ġa wieġbu għas-sejħa tal-Mulej; BEATI!... dawk li jwieġbu u jilqgħu t-tagħlim ta' l-Imgħallem Divin, għax għalihom — u għalihom biss — huma magħmulin mill-Mulej dawk il-wegħdiet ta' sliem u ta' hena bla temma fil-ġenna.

F.S.M.

# AGĦMA JMEXXI LIL AGĦMA IEĦOR

Ġesù Kristu kien qal mill-Fariżej għomja, mexxejja ta' poplu agħma u ta' ras iebsa: "*La tagħtux każ tagħhom: huma għomja u mexxejja ta' nies għomja: u jekk agħma jmexxi lil ieħor agħma, it-tnejn flimkien jaqgħu fil-fossa*" (Mt. XV. 14).

Ukoll il-lum, l-għomja huma mhux ftit fl-Art Imqaddsa. In-nuqqas ta' l-ilma, li ma jħallix lil dawk l-Għarab foqra jinħaslu kull jum; iddbieben bla għadd li jieklu għajnejn iż-żgħar; il-qilla tax-xemx tikwi, huma ħtija li ħafna jitilfu d-dawl u jagħmew. Ma' dawn żid ukoll il-fataliżmu tal-Misilmin li jrattab ir-rieda tagħhom li jagħmlu xi kura biex ma jagħmewx u l-fehma ta' xi żawwara fil-Mekka, li jifhmu li wara li kellhom il-grazzja li raw il-ġebla s-sewda, ma jinħtieġ jaraw xejn iżjed, u minn rajhom jaqilgħu għajnejhom . . .

Hu tal-għaġeb, ħaġa li ma tiltaqax magħha fl-Ewropa, imma f'Ġerusalemm, l-iżjed fil-belt il-qadima, tiltaqa' magħha f'kull triq! U din hi, li ta' sikwit żewġ għomja jmorru flimkien, bħallikieku, wieħed imexxi lill-ieħor. Xi drabi jkunu wkoll tlieta flimkien. Donnhom li magħqudin flimkien isibu faraġ iżjed wieħed mill-ieħor.

Din id-drawwa kienet ukoll fi żmien il-Feddej Tagħna Ġesù Kristu u billi Hu fit-tagħlim tiegħu kien iħobb jieħu argumenti mill-ħajja ta' kull jum u minn dawk li kienu f'ħalq il-poplu, traku jieħu dan il-qawl: "*Jekk agħma jmexxi lil ieħor agħma, it-tnejn jaqgħu fil-fossa*". Qawl sempliċi, imma ta' tagħlim kbir.

# DRIEGH IL-MULEJ FL-ISTORJA TAL-GENS LHUDI

4. *Elija u Eliżew*

Meta Elija kien nieżel minn fuq l-għolja tal-Horeb, iltaqa' ma' Eliżew, li kien qiegħed jaħrat ir-raba' bi tnax-il baqra; x'ħin qorob lejh, traku xeħetlu l-mantar, u Eliżew telaq il-baqar u kollox, u mar sab l'ommu u 'l missieru, u bieshom u baqa' sejjer għal miegħu bħala qaddej tiegħu.

Ħabta waħda, waqt li kienu mexjin flimkien lejn Betel, Elija qal lil sieħbu jibqa' lura u jħallih imur waħdu; iżda Eliżew ma riedx jisma' b'dan u jitbiegħed minn sidu. U x'ħin waslu Betel il-profeti ta' dak ir-raħal semmew ma' Eliżew fuq li Alla kellu f'dak il-jum jeħodlu 'l sidu. Eliżew weġibhom: Jiena naf ukoll, imma la titniffsux fuq hekk". U Elija qal lil Eliżew: "Int issa ieqaf hawn, għaliex Alla jridni mmur f'Ġeriku". Iżda, Eliżew reġa' ma riedx iħallih jitlaq waħdu u baqa' sejjer miegħu. U hekk kif daħlu Ġeriku, il-profeti ta' hemm semmewlu wkoll fuq li Elija kellu jinfired minnu dak il-jum. U għat-tielet darba Elija talab lil Eliżew jibqa' f'Ġeriku, għaliex hu ħtieġlu jmur lejn il-Ġurdan. U reġa' Eliżew ma ħalliehx jitlaq mingħajru u l-profeti reġgħu qalulu fuq Elija.

Elija u Eliżew, mela, baqgħu jterrqu flimkien u magħhom baqgħu sejrin ħamsin mill-profeti l-oħra, iżommu lura 'l bogħod minnhom, bla ma jitilfuhom minn taħt għajnejhom. U x'ħin waslu fix-xatt l-ieħor, Elija staqsa lil Eliżew: "Għidli x'tixtieq minni u nagħtihulek". U Eliżew wieġbu: Nitolbok li fija tnissel is-setgħa u s-sedqa ta' ruħek". Wieġbu Elija: "Tlabtni ħaġa li m'hix f'idejja nagħtihielek; iżda jekk tilħaq tarani ngħib minn quddiemek, inti taqla' li tixtieq minni.

U ħin bla waqt, meta kienu mexjin flimkien, mirkeb bi żwiemel ġamra nar firidhom minn xulxin u Elija għab ġewwa dagħbien u tala' s-sema. U Eliżew qabad isejjaħlu: "Missier! Missier!". Iżda, Elija, Alla ma għamlu! Eliżew ġabar mill-art il-mantar ta' Elija, u xeħtu fuq dahru u ġibed lejn xatt ix-xmara tal-Ġurdan, u ta daqqa bil-mantar ta' Elija f'wiċċ l-ilma ġieri, u l-ilma lè ma nfired. U Eliżew stagħġeb, u qal: "X'sar minnek, ja Alla ta' Elija?". U raġa' ta daqqa fuq l-ilma, u l-ilmijiet infirdu minn xulxin, u Eliżew qasam ix-xmara u mar fix-xatt ta' biswitu.

Meta raw dan, il-profeti qalu bejniethom: "Ruħ il-Qodos tal-Mulej niżlet fuq Eliżew". U x'ħin wasal il-belt ta' Ġeriku, in-nies inġabret ma' dwaru u semmewlu li l-ilmijiet tħassru u l-art nixfet. Fuq hekk, hu talabhom iġibulu żir bil-melħ; u x'ħin ġebuhulu, mar ras il-għajn u hemm xeħet il-melħ fl-ilma ġieri u għarrafhom li Alla sewwa dawk l-ilmijiet u fihom ma baqa' aktar ebda nġiesa ta' mewt jew ta' ħsara. U l-ilmijiet tjiebu bħalma tahom il-kelma Eliżew.

Kif imbagħad kien tiela' l-għolja ta' Betel, iltaqgħu miegħu xi tfal ħerġin mill-belt u qabdu jiddieħku bih u jgħajbuh: "Ibqa' tiela' ja fartas! ja fartas, ja fastas!" U Eliżew dawwar rasu jħares lejhom u seħethom fl-isem t'Alla; u fis-siegħa u iħin ħarġu għalihom żewġ orsijiet u

qatlu tnejn u erbgħin fost dawk it-tfal. U hu baqa' tiela' fuq l-għolja tal-Karmelu, mnejn imbagħad inġabar f'Samarija.

1. *Eliżew u Mart ix-Xwejjah.*

Hu u għaddej minn Sunam, Eliżew daħal iżur waħda mara magħrufa għat-tjieba tagħha, kif kien dejjem jagħmel huwa u għaddej minn din il-belt, u joqgħod jiekol kisra ħobż man-nies ta' darha. U billi kellu sikwit għaliex jgħaddi minn din il-belt, kienu għammruli daqsxejn ta' għorfa biex jistrieħ siegħa.

Darba waħda, waqt is-serħan, Eliżew sejjaħ il-qaddej tiegħu Ġieżi u riedu jieħu minn ras sidt id-dar x'jista' jagħmel għaliha biex bħallikieku jħallasha għal ħninietha. U Ġieżi wieġbu minnufih: "M'għandek għal fejn tistaqsiha xejn; u inti ma tafx li ma għandhiex tifel, u żewġha mdaħħal fis-snin? Eliżew bagħat għaliha fil-għorfa, u kif dehret fil-bieb, qalilha: "Sa din is-siegħa bħal sa sena, int ikollok iben". U din weġbitu: "La tgħaddix biż-żmien il-qaddejja tiegħek, ja bniedem t'Alla". U mas-sena, dik il-mara wildet tifel kif ħabbrilha Eliżew.

U din it-tarbija tfarfret u ġiebet ruħha. U darba waħda, waqt il-ħsad dan it-tifel mar jimraħ fir-raba', isib 'il missieru; u ħin bla waqt, resaq lejh u qallu; "Missier, rasi tuġagħni!" Missieru bagħat raġel minn tiegħu jwasslu għand ommu. U fil-waqt li kien f'ħoġor ommu, binha mitilha. U hi medditu fuq is-sodda tal-profeta fil-għorfa li kienet hejjitlu f'darha, u bagħtet għal żewġgħa biex jitlaq u jmur isib 'l Eliżew. Imma hu tfantas u ma riedx jisma' b'dan; fuq hekk, martu xeddet il-ħmara u bilġri telqet tfittxu fuq l-għolja tal-Karmelu. U kif resqet quddiemu, l-imsejkna omm xteħtet f'riġlejh tibki u tixher għax binha mitilha, u talbitu jrodduha. U Eliżew bagħat minnufih lil Ġieżi jiġri kemm kellu ħila u jieħu miegħu l-ħatar tiegħu biex iqiegħdu fuq wiċċ it-tifel. U fil-waqt, qam hu wkoll u mar iwassal 'l omm it-tifel id-dar ta' żewġha.

U Ġieżi qiegħed il-ħatar ta' sidu fuq wiċċ it-tifel, u dan u la tħarrek u anqas samma' leħnu. U raġa' lura u ltaqa' mal-profeta ġej l'hinn u qallu illi t-tifel ma qamx mill-mewt. Fuq hekk, Eliżew baqa' sejjer lejn id-dar; u kif daħal fil-għorfa, ra t-tifel mejjet fuq is-sodda, u talab l'Alla għalih. U mbagħad imtedd fuq dak il-ġisem mejjet, ħalqu ma' ħalqu, għajnejh ma' għajnejh, idejh fuq idejn it-tifel; u ġisem it-tifel saħan. Imbagħad hareġ idur mad-dar; u x'ħin raġa', daħal fil-għorfa, xteħet mill-ġdid fuq ġisem it-tifel, u t-tifel ittewweb għal seba' darbiet u fetaħ għajnejh. Imbagħad Eliżew sejjaħ 'l omm it-tifel u rħieh f'idejha: Hawn hu ibnek! qalilha. U l-imsejkna omm xteħtet f'riġlejh u wiċċha fl-art iżżietu ħajr u bierket l'Alla.

## ŻJARA KURJUŻA

Mort inżur lil Sinjura, għanja ħafna imma ftit lura. Dħalt fil-kamra tas-sodda, u qbadt infaħħarhielha, kif kien jixraq:

— Tassew sabiħa u għanja ferm. Jekk ma nitqarraqx, hi ta stil eżatt ta' l-imperu . . . .

— Le, Sinjur, qed tiżbalja ħafna! Dik hi tal-ġewż, u ġewż mastizz!

# SAN FRANĠISK U N-NAGĦĠA

Il-lupu, minn qaddisu hu ta' natura ħarxa, jagħmel għall-annimali aktar dgħajfa minnu u hu l-akbar għadu tan-nagħġa: jidhirlu għandu kull jedd li meta jiltaqa' ma' xi ħarufa jagħmel ikla minnha. San Franxitu u darrieh iqim lill-annimali l-oħra u ma joqtolhomx); imma San Franġisk l-aktar li kien iħobb lill-ħarufa, u kien iħobbha hekk, li lil Fra Leone, tip ta' veru reliġjuż għas-sempliċità u l-manswetudini tiegħu,



*San Franġisk u n-nagħġa*

ġisk t'Assisi kellu mħabba kbira għall-annimali, u din kienet ġibda hekk kbira fih li kienet tagħżlu mill-qaddisin l-oħra: kien iħobb l-annimali kollha, ukoll lill-istess lupu (li kif naqraw fil-"Fjuretti", fil-pajjiż ta' Gubbju darba kien raqqdu mill-ħrukien laqqmu, u kien isejjaħlu: Ħaruf il-Mulej.

Dan San Franġisk, darba waħda fit-triq iltaqa' ma' merħla mogħoż: qalb dawn kien hemm ħarufa. Għal dik id-dehra ndehex b'qima, għax dik il-ħarufa qalb dawk il-mogħoż dlonk

fakkritu f'Ġesù qalb il-Kittieba u l-Fariżin, u għalhekk xtaq u ried jixtriha: imma kif ġralu dejjem . . . ma kellux biex, u din kienet aktarx dik id-darba waħdanija li qalbu ngħafsitlu għax ma kellux flus. X'jagħmel?! . . . Inzerta għaddej f'dak ilħin wieħed xerrej u San Franġisk talbu, għall-imħabba ta' Ġesù, jixtrihielu; u dak xtrahielu; u San Franġisk, qalbu sa ttir bil-ferħ, ħadha għand is-sorijiet biex irabbuhielu u jieħdu ħsiebha huma. Dawn imbagħad, minn sufha sawrulu ċoqqa, u ma kienx ikun ferħan bi ftit meta jilbisha.

Darb'oħra kien qala' wkoll ħarufa, li huwa kien ħadha tgħix miegħu f'Santa Marija ta' l-Anġli. Din kibret twajba u ġwejda ħafna u hekk drat lill-patrijiet u lil Fanġisku, li kienet tmur magħhom kull fejn imorru, saħansitra fil-knisja, ukoll bil-lejl u, waqt l-uffizzju, meta l-patrijiet kienu jgħidu s-Salmi, hi kienet twieġeb: Bèè, Bèè! . . . u mad-daqq tal-qanpiena, waqt l-elevazzjoni kienet tinxteħet għarkubbtejha, tniżżel rasha, bħallikieku b'qima lis-SS, Sagrament.

Darb'oħra lemaħ merħla nagħaġ jirgħu, u hu sellmilhom bħallikieku kienu nies. Dawk in-nagħaġ għattislima tiegħu dlonk ħallew il-mergħa qabżu jiġru lejh u bil-Bèè, Bèè tagħhom u ħamsin ħaġ'oħra wrewh l-hena tagħhom, b'għaġeb kbir tar-ragħajja li kienu jieħdu ħsiebhom. L-aktar imma, li kellu għal qalbu l-ħrief, għax dawn kienu jfakkruh f'dak il-Ħaruf ta' bla tebgħa, maqtul f'debħa għad-dnubijiet tad-dinja. Xi drabi ma naqasx jagħti l-mantell tiegħu biex jixtrihom, biex ma jiġux maqtula.

Waqt li darba kien qiegħed f'monasterju tal-Benedittini, inzertat ġrat ħaġa li kidditu għall-mewt: kienet ballottra li qabdet ħaruf li kien għadu kemm twieled. Il-Qaddis hekk ħass il-ħasra ta' dak il-ħaruf maqtul, li hu, li qatt ma kien seħet lil ħadd, seħet dak inhar lil dik il-ballottra billi xtaqilha l-mewt u li ħadd ma jkun irid jiekol minn laħamha. Hekk tassew ġara: il-ballottra mietet u ebda bhima oħra ma riedet idduq laħamha, l-anqas il-lupi.

Waqt li darba kien Ruma xi ħadd kien tah ħaruf sabiħ: hu ħallieh għand dik il-kbira ħabiba tiegħu u bintu spiritwali, Ġakba tas-Sebaxmux, li tagħha dan l-imbierek ħaruf sar mhux biss il-ħabib, imma wkoll is-sieħeb l-aktar ġwejjed u fidil. Kien dejjem ħdejha fid-dar, kull fejn tmur hi jmur hu, u kien jagħmlilha għors kbir meta tidħol minn barra; fil-għodu kien iqajjimha bil-Bèè, Bèè tiegħu u, meta xi darba ngħasha jkun tqil iżjed, kien jaqbad iħabbtilha b'rasu mal-bieb biex tistembaħ u tqum.

Minkejja x-xrieki li biż-żmien inħolqu għall-ħarsien (wisq drabi barra minn loku, għax ġej minn bnedmin moralment morda) tal-annimali, San Franġisk, aktar minn kulħadd ħabbhom, kien jagħrafhom bħala ħutu, għax ġejjin mill-istess għajn li minnha ħriġna aħna: minn Alla l-Imbierek.

Ma dan kollu n-nagħġa, sewwa sew bħal ħmar, hi annimal mhux magħruf biżżejjed u tiġi wisq drabi mmaqdra. Qaluli m'ilhomx, li ċertu sinjur kittieb jismu "Buffon", li kiteb ħafna fuq il-bhejjem imma, kif jidher, hu ta' ħilijiet ta' żmien bużnannietna, qal, li "n-nagħġa hi l-aktar baħnana fost il-bhejjem ta' erba' saqajn". X'ħaqq ta' moħħ imberfel! Li kieku kien hekk, taħsbu intom, Ġesù Kristu kien jagħmel in-nagħġa (baħnana!) bħala għelm ta' dawk li

jimxu warajh? Hu tabilħaqq, li titkellem u tagħmel ħaqq mingħajr ma tqis il-kelma t'Alla, ma tistax ma tgħidx ħlief ħmerijiet!

Hu tassew, li n-nagħġa b'għamilha wisq drabi ġġagħlek taħseb hekk fuqha: li hi baħnana. U hekk jiġri wkoll lil dawk bosta drabi li huma ġwejdin u umli: min iħares lejhom bl-għajnejn tad-dinja jaqta' li huma boloh u li ma tistax torbot fuqhom; iżda kemm jitqarqu! Jasal il-jum, imma mbagħad ikun tard wisq, li dawk jiftħu għajnejhom, u jkollhom jistqarru bi kliem Ruħ il-Qodos: "O, kemm konna aħna l-boloh! Konna naħsbu u ngħidu li dawk huma l-boloh u, traku, dawk il-lum huma fost ulied il-Mulej mal-qaddisin, u lilna xi swetilna l-kburija tagħna?

Baħnana n-nagħġa? Baħnana? . . . Il-ħaġa hi li ma tantx issib min jaf jgħożżha, għal dak li hi n-nagħġa! Ir-raħħal ma jarax fiha ħlief għajn ta' qligħ: li tisminlu u li ttih qabda ħrief; mill-bqija x'jimpurtah? Meta hi msemmna, ibigħha, u hu jitħenna jgħoddhom minn fuqha. Imma jekk raħħal dehni juriha ġibda u mħabba, taraw x'qalb tassew tad-deheb hi n-nagħġa. U min għandu qalb tad-deheb hu baħnan?

Għax in-nagħġa hi minn qaddisha ħelwa, ġwejda u umli, jgħidu li hi baħnana! Hekk sejra d-dinja. Imma min qatt wasal ifiehem għal kollox lid-dinja u jserraħha? Kristu nnifsu qal: "Mundus in maligno positus est": Id-dinja hi qerq u ħażen. Hekk hu! Tfittex dejjem lil min tolqot u toqtol bis-semm. Araw daqsxejn: In-nagħġa li hi twajba u ġwejda minn qaddisha, hi baħnana; u l-lupu, li hu l-kontra tan-nagħġa, hu kiefer, ħalliel u qattiel. Rajtu? Kif triduha mmela, meqjumin sinjuri? . . . Tridu bhima ġwejda, umli u li toqgħod għal kollox? . . . Imma allura għax tgħidulha baħnana? . . . Jew tridu li turi snienha? . . . u allura għax tmaqdruha u żżebelħuha?

Jingħad li n-nagħġa tinħtieġ f'kollox il-bniedem, li ma tafx tikseb biex titmantna, li jkollhom joħduha għallmergħa u jerġgħu jdaħħluha ma' merħlitha, għax ma tafx issibhom weħidha u aħseb u ara kemm tagħraf tilqa' ruħha mill-għadu tagħha, il-lupu. O, aħsbu daqsxejn, li n-nagħġa ġiet maħluqa mn'Alla bir-ragħaj għaqli ma' ġenbha li jiksbilha l-ħxejjex, isiblha l-ilma x'tixrob, iġiżżha dħul ir-rebbiegħa u s-suf iħallihulha jarġa' jikber ma' dħul ix-xitwa! Hu tassew, li l-Kotba Imqaddsa jixhdulna kif sa mill-bidu Abel kien jirgħa l-imrieħel tan-nagħaġ. Iżda, għiduli ftit: Kif kienu jagħmlu n-nagħaġ qabel ma Abel seta' jieqaf fuq riġlejh, anzi wkoll qabel ma twieled?... Alla jewwilla, ħalaq in-nagħaġ fl-Asja u l-lupu fl-Amerka, u bejniethom jifred il-baħar? . . . Eh, żgur li lè, għax il-lupi fl-Asja kienu ġa ħafna qabel ma Kristofru Kolombu kixef l-Amerka. U ma' dan kollu r-razza tan-nagħġa ma nqerditx. U dan ifisser li n-nagħaġ, li kieku ma kellhomx min jieħu ħsiebhom, kienu jkunu jafu kif jiksbu dak li hu meħtieġ għall-ikel u kif ukoll għandhom iħarsu lilhom infushom. Mela, in-nagħaġ m'humiex hekk baħnanin kif kien deherlu s-sur Buffon.

Ġejt naf, li f'xi pajjiżi ta' l-Afrika u ta' l-Italja wkoll, ir-ragħajja m'humiex hekk ħawtelin bħal dawn tagħna u jitilqu ta' sikwit l-imrieħel tan-nagħaġ tagħhom għal riħhom; u n-nagħaġ, imbagħad, hawn jafu jpattu huma għan-nuqqas tar-ragħajja u juru li jafu mnejn għandhom jgħaddu

biex ma jiġrilhomx deni. U għaliex immela, fin-naħat tagħna jidhru u jissejħu baħnana? — Nifhem li għandna saru hekk għax għamilniehom hekk aħna, billi naħsbulhom biex xejn ma jonqoshom. Ngħid ukoll, li n-nagħaġ jgħallmuna kemm għandu jkollna tama u fiduċja fil-Mulej, li wegħedna li xejn ma jkun jonqosna, meta aħna fidili Lejh.

Kemm għandna tassew x'nitgħallmu min-Nagħġa!

Araw kif iġibu ruħhom tajjeb marragħaj li jieħu ħsiebhom. Ebda ieħor mill-annimali hu bħan-nagħġa ubbidjenti għal sidu: jobdu saħansitra lill-istess kelb li r-ragħaj iħalli jindukrahom. Kif noqogħdu aħna għall-Mulej, Sidna u Ragħaj tagħna? . . . Kemm-il darba nonqsu u, jekk mhux bi kliemna żgur b'għamilna, nuru li aħna nafu aktar minnHu dak li hu tajjeb u jaqbel għalina? . . . U kif inġibu ruħna aħna ma' min hu ogħla minna u li għandu l-jedd fuqna, sewwa sew bħalma l-kelb għandu fuq il-merħla? . . . Mill-bqija, m'hemmx x'wieħed jistagħġeb: għax kif jista' jkun li aħna nqimu lil min hu fuqna minn flok Alla, jekk aħna bil-ħeffa kollha nonqsu u noħduha kontra Alla Sidna, li ħalaqna? Nitgħallmu mela, min-nagħġa li, fost l-ilħna tagħraf liema hu ta' sidha u kollha ġwejda tobdi u tmur warajh. X'għandha x'taqsam mal-bhejjem l-oħra, li bosta drabi jkollhom jinżammu marbutin jew magħluqin, għax iridu jagħmlu kif jaqblilhom, u li dawn aktarx jispiċċawha ħażin! Hekk jiġri wkoll lil dawk il-bnedmin li ma joqogħdux għall-amar t'Alla: illum jew għada, jiksru għonqhom, jew fil-ġisem jew fir-ruħ.

Niftakar li l-Arċipriet tal-parroċċa qrib ta' wieħed mill-kunventi tagħna, ta' kull sena għall-Għid, kien jibgħat ħaruf sabiħ lill-patrijiet, li dawn imbagħad kienu jħalluh jikber u meta jasal waqtu joqtluh u jistiednu wkoll lill-Arċipriet sabiex jieklu magħhom.

F'sena waħda l-ħaruf kien hekk sabiħ u ġwejjed, li l-patrijiet ġiethom ħasra u ma ridux joqtluh. Kien qisu l-kelb fid-dar: kien dara l-ħin li l-patrijiet jinżlu fil-ġnien għal ftit tal-mistrieħ, u kien imur warajhom jaqbeż u jifraħ; jissieħeb magħhom fil-logħob tal-boċċi u jiġri magħhom kullimkien; biss ma kienx jista' jifhem għax ma jħalluhx imur magħhom il-kor. Kien jaf sewwa wkoll iċ-ċelel ta' dawk li l-aktar iżiegħlu bih u ma kienx jonqos jagħmlilhom żjarat, li qatt ma kienu jkunulu għal xejn. Imma ħej, il-jum tal-biża' kien qed joqroblu! U fl-aħħar ġie l-biċċier, imma l-Ħaruf xammu: ma riedx imur miegħu; patri, imbagħad ħa f'idejh r-rumnell li bih kien marbut u ġwejjed, ġwejjed, il-Ħaruf mexa miegħu; iżda, malli l-patri ta f'idejn il-biċċier ir-rumnell u ġie biex jitlaq, il-Ħaruf donnu twerwer u għamel kull mod biex imur mal-patri. Il-patri, meta ra hekk, mar iżiegħel bih u jġagħlu jmur mal-biċċier; u hu, il-patri, ġie biex jitlaq u jħallih imma hawn il-Ħaruf hekk għamel għalih, li tah daqqa ta' ras fuq wara, li kien ser jinqaleb. Imbagħad ġwejjed, ġwejjed mar mal-biċċier għal . . . . mewt!

Għeżież qarrejja, annimali bħal dawn nistgħu qatt insejħulhom baħnana? . . . Huma umli, ġwejdin u, fuq kollox, jittamaw f'Alla li ħalaqhom u li huma jaraw f'dawk il-persuni li jagħmlulhom il-ġid.

Nitgħallmu minnhom aħna l-Insara: u dan San Franġisk t'Assisi ried jgħallimna bl-imħabba tiegħu speċjali għan-Nagħġa. **P.N.M. o.f.m.**

# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

## MIEXI GĦALL-GLORJA

Is-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, fix-xahar ta' Ġunju li għadda, tkellmet u qatgħet fuq "l-introduzzjoni tal-kawża għall-beatifikazzjoni tal-qaddej t'Alla Ven. NIMUTULLAH KASSAB EL-HARDINI, imwieled fl-1808 fir-raħal Hardini, fil-Libnan. Dan il-Qaddej tal-Mulej kien daħal fl-Ordni tal-Maroniti meta kellu 20 sena, kien professur fis-Seminarju ta' Kfifaru, fejn ittajjar għas-sema fl-1857.

## GRIEGI ORTODOSSI MILQUGĦIN FIL-CASANOVA

Fost l-eluf ta' żawwara fil-Palestina milqugħin fil-Casanova tal-Franġiskani, din id-darba ltqajna ma' ġgajta ta' 42 persuna, saċerdoti u professuri u ma' daqs 30 student teologu ta' l-Università ta' Ateni. Għal dan il-ftehim mad-Direttur tal-Casanova ħaseb l-Arkimandrita Germanos, Superjur tal-Kommunità Griega-Ortodossa tas-SSmu. Sepulkru. Huma qagħdu fil-Casanova mill-24 sas-27 ta' Mejju li għadda; u żewġ ġgajtiet oħra waslu mill-Università ta' Salonika (Greċja) għall-aħħar jiem ta' Ġunju u għal nofs Lulju. Dan juri, li l-Konċilju Vatikan II ma ħadimx għalxejn meta stieden lill-Ortodossi sabiex jerġgħu jidħlu mill-ġdid fil-Knisja Kattolika. Nittamaw li l-għaqda tagħmel passi oħra 'l quddiem.

## WIRJA TA' SIWI KBIR

Fl-aħħar ġimgħa tax-xahar ta' Mejju li għadda, f'waħda mis-swali kbar tal-lukanda "Aelia Capitolina" ta' Ġerusalemm, ix-xirka "Palestine Exploration Fund" biex tfakkar egħluq il-Mitt Sena tagħha, għamlet wirja tax-xogħlijiet tagħha u ta' dak kollu li kisbet ġdid ma' tul dan iż-żmien ta' ħajjitha. Barra minn gvieret tal-plastika, kellha għall-wiri fotografiji u illustrazzjonijiet tal-kotba mitbugħa minn din ix-xirka u li jfissru u jixhdu l-qdumijiet tal-Palestina.

Kif hu magħruf, l-ewlenin u l-aqwa "skavi" f'Ġerusalemm saru minn din ix-Xirka; fost il-fotografiji hemm ukoll waħda tal-Qabar ta' Kristu li tinżamm fil-Mużew ta' Londra u li ġejja, bħal ħafna oħrajn, minn Betlem.

## TIFTIX TAĦT L-ART GĦALL-ILMA

M'ilux, ħames għorrief fil-ġeoloġija mir-Repubblika Federali Tedeska waslu f'Damasku (Sirja) biex jagħmlu tiftix taħt l-Art għall-ilma. Dawn tħabtu biex jagħmlu dmirhom għal tliet xhur sħaħ, kif kien il-ftehim mar-Repubblika Sirjana Għarbija, li kien sar fl-1964. Ma nafux, jekk l-ilma nstabx, jew le.

## TQASSIM TA' ARTIJIET

F'ċerimonja ċivili mill-aqwa, il-gvern tas-Sirja qassam fuq 10,000 ettaru ta' art lil 1,093 familja ta' bdiewa u fl-istess ħin ukoll tahom imkinijiet fejn jistgħu jgħammru. Dan it-tqassim ta' artijiet sar fuq dak li kien ħabbar il-Ministru tar-riforma agrarja fis-7 ta' April li għadda. Wara dak il-jum, 4,179 familja sirjana ġa ħadet mill-gvern sirjan 52,000 ettaru raba'.

## LAQGĦA TA' L-AVUKATI GĦARAB

L-Għaqda ta' l-Avukati Għarab qatgħet li ssejjaħ konferenza tal-

qawwiet nazzjonalisti tal-pajjiżi għarab. Din l-aħbar ingħatat lill-istampa tal-Irak mis-Segretarju Ġenerali tal-Għaqda ta' l-Avukati, Xiafik Arkidate. U dan Xiafik żied jgħid: "Il-konferenza tal-qawwiet nazzjonalisti tal-pajjiżi għarab ikollha bħala għan ewlieni tagħha li tistudja u tfittex sewwa liema passi għandhom jittieħdu biex jistgħu jilqgħu għat-tiġrib li ġej mill-imperjalisti kontra l-pajjiżi għarab.

### GĦAJNUNA FINANZJARJA MILL-GĦARABJA SAWDITA

Malli reġa' lura mill-Għarabja Sawdita, il-Prim Ministru tal-Ġurdanja, Wasfi Tell, xandar fil-gazzetti li kien ġie milqugħ mir-Re Feisal u li miegħu kellu laqgħat, li huma "bħala l-kumplament tal-laqgħat mibdijin fi Frar li għadda bejn ir-Re Hussein tal-Ġurdanja u r-Re Feisal tal-Għarabja Sawdita, meta dan kien mar iżur il-Ġurdanja". Il-Prim Ministru fakkar li dan il-ftehim kien beda bejn iż-żewġ slaten fl-1962 f'Taef, fejn kien imfassal pjan ekonomiku bejn it-tnejn. U żied jgħid Wasfi Tell: "It-taħdidiet tagħna ma kinux mingħajr frott. Huma wettqu rabta qawwija ta' aħwa bejn is-saltna tal-Ġurdan ma' dik tal-Għarabja Sawdita. Għax sar ftehim li l-Għarabja Sawdita tagħti lill-Ġurdanja għajnuna finanzjarja, li biha tkun tista' tasal ittemm xi wħud mill-pjani mfassla tagħha". Il-Prim Ministru imma ma qalx kemm sa tkun din l-għajnuna finanzjarja lill-Ġurdanja, iżda qal li dan jiġi mxandar malli hu jagħti lir-Re Hussein ir-rapport li hu nnifsu għandu jhejjilu.

### SEJBA TA' KITBA GĦARBIJA TAS-SEKLU VII Q.K.

Is-Sur Mohammed Tukan, Ministru fil-gvern tal-Ġurdan, ħabbar li f'bir ta' Umm Rugjum, xi seba' mili bogħod minn Amman, instabet kitba (skrizzjoni) fil-lsien Għarbi tas-Seklu VII Qabel Kristu. Il-bir fejn instabet dil-kitba hu fond 30 metru, fih 23 tarġa u hu tal-epoka tal-ħadid. Kif jifhem dal-Ministu Mohammed Tukan, il-bir kien ġġarraf 582 sena Q.K. fiż-żmien ta' Nabukkudonosor, sultan ta' Babilonja, u din il-kitba, li hi sal-lum l-aktar qadima, kienet imnaqqxa fil-ħajt u turi min kien dak li kien bena dak l-imkien. Il-karattri ta' dil-kitba, issokta jgħid il-Ministru, huma tal-kitba "SUFI" użata f'Hawran u n-naħa tax-Xmiel tal-Palestina, fi żmien il-ħakma tar-Rumani.

---

### TGĦALLEM MIN-NEMLA

Wieħed tifel kien qiegħed jibki.

Għax qiegħed tibki? qaltlu ommu. U t-tifel qalilha: Għax is-Surmast wiegħed premju lil dak li jgħid bl-amment il-poeżija li huwa tana; u billi jiena ma tantx nitgħallem malajr biex inżomm f'moħħi, nibża' li l-premju jieħdu ieħor, u jien nibqa' b'xejn.

Tinzerta għaddejja nemla ġġor magħha qamħa.

Taraha din in-nemla? qaltlu ommu. Din kull sagħtejn iġġorr qamħa, imma fi ftit jiem tasal taħżen x'tiekol għal ma' tul ix-xitwa kollha.

It-tifel fehem it-tagħlima: inxteħet jitgħallem b'ħeġġa u bil-ftit il-ftit tgħallem il-poeżija kollha sewwa u . . . rebaħ il-premju.

# HLEJQIET TAL-PALESTINA

## (LEĠĠENDI)

L-ispirtu mqaddes tal-Vanġelu mela u ta ħajja ġdida lill-Palestina. U meta Sidna Ġesù telaq u ħalla dik l-art imbierka, l-imkejjen li fihom għex u ħadem kienu jiġu żgur mitluqin u minsijin, li kieku s-sura ħelwa tiegħu ma ġietx bla hedu mfakkra bid-diwi ta' dawk il-Parabboli, li Hu ta' sikwit kien jgħid biex jagħti tagħlimu. Hekk ġara, li n-nies tax-Xerq, mogħnijin minn qaddishom b'fantasija l-aktar ħajja, ma' dwar Ġesù, Marija u oħrajn kbarat imsemmijin fil-Vanġelu, ħolqu qajl, qajl, għadd ta' ħlejqiet oħra mill-isbaħ. Dawn il-ħlejqiet tismagħhom kull fejn tmur fil-Palestina u, li kieku wieħed jiġborhom kollha jkollu tassew bukkett ta' ward hekk ifuħ li titgħaxxaq bir-riħa ħelwa tiegħu. Aqraw:

### IL-ĦLEJQA TAL-ĠIEBJA

Mhux bogħod wisq minn Betlem hemm ir-raħal, hekk imsejjaħ, TARRAGHAJJA. F'nofs dar-raħal sewwa hemm bir, magħruf minn kulħadd, bħala il-"Ġiebja ta' Sidtna Marija". Jingħad, li jum wieħed, Marija, Omm Ġesù, kienet għaddejja minn ħdejn dan il-bir u rat raġel jimla l-ilma minnu, waqt li Hi kienet mejta bil-għatx. Sidtna Marija resqet fuq dak ir-raġel u talbitu biex tixrob, iżda dan, li nzerta xejn minn tagħna, qallha b'herra: "Il-bir hemm, ixrob jekk trid", waqt li b'sebgħu wrieha l-ġiebja. Marija resqet fuq il-bir, u malli waslet fuq il-ħerża tiegħu, l-ilma hekk beda jogħla, jogħla, li mill-qiegħ tal-bir wasal sa ħdejn xuffteJHa. Meta Marija xorbot, l-ilma beda nieżel, nieżel, sa fejn kien qabel.

### IS-SIĠRA TAL-ĠINEPRU

Meta l-kiefer Erodi bagħat lis-suldati tiegħu biex joqtlu lit-tfal innoċenti ta' minn sentejn l'isfel, dawn is-suldati, darba waħda, waslu qrib Sidtna Marija, li kellha l-Bambin Ġesù f'dirgħajha, u Hi bdiet tfittex teħilsu mill-mewt. Għalhekk, mifxula, mifxula, donnha maħruba, fittxet imkien fejn tista' tinħeba bil-Bambin u ma tiltaqax ma' dawk l-għedewwa kiefra u tal-biża'. U nzertat li kienet miexja f'mogħdija li kienet tieħu għal ġo għalqa mimlija piżelli ħoxna u sabiħa; għalkemm Marija kienet miexja fuqha bl-akbar għaqal, dawk il-piżelli mar-rifsa tagħha kienu jfaqqgħu u jagħmlu bħal ħoss ta' sparatura ċkejkna. Dawn il-ħsejjes, għalkemm mhux kbar, setgħu imma jikxfu lil Marija u lill-Bambin li, m'għandniex xi ngħidu, kienu jiġu maqtula. Imma x'ġara? Ġara li dawk il-piżelli li ntrifsu mir-riġlejn ta' Marija, minflok ma bdew jagħmlu ħoss bħal trikkitrakki, bdew jitfarrku u jsiru trab b'irfis riġlejn il-Madonna.

U hekk, il-Madonna waslet ħdejn siġra tal-ġinepru, li bix-xjuħija kienet hekk niexfa u mħaffra li Marija u l-Bambin setgħu jinħbew fiz-zokk oħxon tagħha. Għalkemm is-suldati ta' Erodi għaddew u reġgħu għaddew minn hemm, ma lemħux lill-Madonna u lill-Bambin, u, meta dawk tbiegħdu, Marija bil-Bambin ħarġet minn dik il-moħba kennija.

Marija ħarset b'ħajr lejn dik is-siġra u berkitha b'idejha u b'qalbha. U dikment, dik is-siġra, li kienet niexfa, tħaddret u nżegħdet bil-frott, hekk sabiħ u jfuħ, li mela b'riħitu ħelwa dawk l-inħawi.

## IS-SIĠRA TAL-PRINJOLI

Marija minn Betlem kienet sejra għat-Tempju ta' Ġerusalemm u kellha magħha 'l binha Ġesù Bambin. Kien is-sajf u x-xemx kienet hekk qawwija u taħraq li Marija ma setgħetx tissokta fit-triq bis-sħana u bit-trabijiet tat-triq tikwi. X'għamlet Marija? Bil-Bambin fi ħdanha waqfet ftit għad-dell ta' siġra tal-prinjoli biex tistrieħ. U ġara, li hekk kif il-Madonna bdiet tersaq għal taħt dik is-siġra, il-friegħi tas-siġra aktar bdew jersqu u jintrassu ma' xulxin, li dik is-siġra saret qisha umbrella kbira li tilqa' x-xemx u tfarraġ b'dellha lill-Madonna u lill-Bambin. Meta Marija strieħet biżżejjed taħt dik is-siġra u ġiet biex titlaq, qabel xejn bierket lil dik is-siġra u ħabbritilha li hi kellha tibqa' tgħix għal dejjem bir-rimi ġdid li kull darba tnibbet u ttella' mill-istess għeruqha.

Il-lum dawk il-bedwini, li taħt it-tined tagħhom jgħammru hemmhekk, jistgħu juru liż-żawwara li jmorru l-Palestina dik is-siġra tal-prinjoli mbierka minn Marija Sidtna.

## ĦLIEQA FUQ SAN ĠWANN

F'Għajn Karem, pajjiż fejn twieled San Ġwann l-Għammiedi, tingħad ħlieqa mhix sabiħa bi ftit.

Mela, meta Santa Eliżabetta, omm San Ġwann, semgħet li l-kiefer sultan Erodi qabbad lis-suldati tiegħu biex joqtlu lit-tfal iż-żgħar kollha minn sentejn l'isfel, din ħarbet dlonk tiġri lejn l-għoljiet biż-żgħir tagħha Ġwanni biex teħarsu mill-mewt. Is-suldati qattiela ta' Erodi kienu warajha u kienu qishom waslu sa jaqbduha. X'għamlet Eliżabetta? Fittxet li tinħeba kif setgħet wara blata kbira; iżda ġara li dik il-blata dikment infetħet u għamlet ġo fiha bħal niċċa. Santa Eliżabetta tefgħet malajr fiha liċ-ċkejken Ġwanni, daħlet ukoll hi, u dik il-fetħa fil-blata fis ingħalqet li, għalkemm is-suldati ta' Erodi għaddew għal darba tnejn minn hemm, ma raw xejn. Meta s-suldati telqu u kien tbiegħed kull tiġrib, omm San Ġwann resqet biex toħroġ u dik il-blata infetħet malajr, b'għaġeb ta' l-istess Santa Eliżabetta. B'hekk San Ġwann ġie meħlus mill-mewt.

P.N.M.

# ĦREJJEF GĦARBIN

## MIN KIEN IL-ĦALLIEL?

Prinċep Għarbi, li kien ried jagħmel biċċa xogħol kbira fil-barr, kien qabbad Ingliż u tah miegħu biex jaqduh u jgħinuh għaxar bedwini.

Darba waħda l-Ingliż ra li naqsitu somma kbira tal-flus u, għalkemm ħammem u fittex, la sab dik is-somma u l-anqas kixef il-ħalliel. Ġieb l-affari mbagħad quddiem il-Prinċep, li dan għamel bir-reqqa kollha l-mistoqsijiet tiegħu lill-għaxar bedwini ħaddiema, iżda kien kollu għalxejn.

Dendel imbagħad ħabel f'nofs ta' kamra, u qal lill-bedwini: "Dan il-ħabel hu nieżel mis-sema biex jagħti xhieda tal-verità. Issa kull wieħed minnkom jidħol f'dil-kamra u, waqt li jaqbad u jżomm dan il-ħabel f'idu, igħid: "Allah li taf kollox agħmel li idejja jibqgħu miżmumin ma' dal-ħabel jekk jiena kont li sraqt il-flus".

Jidħlu fil-kamra, wieħed wara l-ieħor, l-għaxar bedwini u kollha kemm kienu ħarġu rebbieħa.

Imma l-Prinċep sejħilhom wieħed wieħed quddiemu u xamm idejhom. L-id ta' disgħa minnhom kienet b'riħa tinten ta' tewm, imma dik ta' l-għaxar wieħed, le. U dan sewwa sew inqabad li kien il-ħalliel, għax hu kien seraq il-flus, kif stqarr huwa stess u ġie kkastigat.

Il-Prinċep kien dilek minn qabel il-ħabel bit-tewm: l-ewwel disa' għax innoċenti qabdu l-ħabel bla biża' u nittnu idejhom; l-għaxar wieħed, għax kien il-ħati, beża' jaqbad il-ħabel u għalhekk, ma ħax ir-riħa tat-tewm.

Dan kien li kixfu bħala ħalliel.

## MA RIDUX JIDFNUH

Miet wieħed mislem magħruf ħafna bħala raġel ħażin u ħadd ma nstab fost il-poplu li ried jitlob fuq il-katavru tiegħu.

Ma' dan kollu, kien jinħtieġ li xi ħadd jinsab biex ikunu jistgħu jagħmlulu d-difna skond ir-ritwal musulman.

Jinzerta għaddej minn hemm, minn ħdejn il-Moskea, wieħed bedwin. Ġie mwaqqaf u mitlub igħid it-talb u ċ-ċerimonji tar-rit musulman. Dan, sajjem minn kollox, indaħal bil-qalb kollha u, dar lejn il-katavru, b'leħen għoli mill-aktar, qal:

— Li kieku kont milqugħ f'dari, biex inweġġħek kont noqtollok il-ġemel tiegħi, imma inti ġejt milqugħ f'dar Alla tal-ħniena. Alla kbir, Alla kbir, Alla kbir! — U telaq maħrub.

Kull min kien hemm ħass għal dak il-kliem u . . . ħadu sehem biex jidfnuh.

## RIGAL FIT-TIEĠ

Ħaġa li ma titwemminx, imma altru li vera! Ix-xebbiet għarajjes li jagħmlu mis-setta tad-Drusi f'jum it-tieġ tagħhom jagħtu rigal lil żwiegħhom: dan ir-rigal hu *sejf* li huma jagħtu f'idejn żewgħhom sabiex hu jista' jinqeda bih biex joqtolhom f'każ ta' infedeltà tagħhom.

X'kull waħda dawn in-nisa wkoll!

## KAJJIN MEQJUM

Isem Kajjin żgur li mhux għal qalbna, u wisq inqas persuntu. Iżda mhux għal kulħadd u wisq iżjed għal ulied Mawmettu, il-Musulmani.

Erba' mili bogħod in-naħa tax-Xerq ta' Hebron, fejn jaħsbu li Kajjin kien qatel lil ħuh Abel, lil-Musulmani bnew Moskeja għa ġieh Kajjin (Nebi Jakin) u hemm huma, kif jifhmu, jagħtuh ġieh f'qabru.

Mur obsor! . . . . . .

## KEMM TIŻEN RUĦ TA' BNIEDEM

Ma tafx kemm? Ara tiddejjaq, dan tkun tafu f'Jum il-Ħaqq: din hi għallinqas il-fehma ta' wlied Mawmettu. Jifhmu l-Musulmani li f'Jum il-Ħaqq jiġu mdendlin, ma' dawk il-ħnejjiet li minn ħdejhom trid tgħaddi biex tmur għal Moskija ta' Omar f'Ġerusalemm, *imwieżen* meħtieġa biex . . . . . jintiżnu l-erwieħ tal-bnedmin.

Biċċa xogħol iebsa, eh? . . . . għall-Anġli!

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiquna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

MALTA

PAOLA: Wenza u Manwel Gatt. Toni Attard. Rożina u Tereża Seychell. Tumas u Delina Fenech. Geltrude Boffa. Salvu Fava. Anġlu u Ġovanna Vella. Franġiska Fardell. Ġanni u Wenza Fardell. Tonina u Carmela Depares. Charlie Fardell. Żara, Ġużeppi, Wenza, Willie, u Pawlu Galea.

ŻEBBUĠ: Philip Camilleri. Marinton Borg. Ġovanni Calleja. France Busuttil, Pawla u Spiru Borg. Teresa Farrugia, Nikola Callus. Ġanni Spiteri. Roża Gatt. Ġużeppi u Roża Kingswell. Anġlu Camilleri. Nikola Zammit. Saverju u Ġużeppi Camilleri. Wenzu u Ċensu Abela. Ċensu u Karmenu Camilleri.

SLIEMA (San Girgor): Karmenu, Anġlu, Melita u Franġisku Borg. Anna Cauchi. Ċensa Cassar. Wiġi Cassar. Beatrice Camilleri. Tonina Vella. Herbie u Aida Moore. Mejtin Familja Attard Montaldo. Wenza Mercieca. George Mercieca.

TARXIEN: Wenza, Pawla, Alice Aquilina. Filippu u Karmenu Balzan. Marija u Katarina Azzopardi. Filomena u Anġlu Attard. Valent u Teres Mifsud. George u Remiġ Vella, Piju u Duminku Falzon. Wistin, Spiru, Ġovanni Bezzina. Berardo, Serafin u Ċikku Melillo. Lucy, Pawla, Melinda Buhagiar.

MARSAXLOKK: Wenzu u Ċensu Attard. Grazia De Gabriele. Karmena u Duminku Caruana. Filomena u Annunziata Chetcuti. Ġużeppi u Marija Falzon. Katarina u Marjanna Cordina, Ġużeppa, Agnese u Sofia Agius. Salvu u Kelina Buhagiar.

ŻABBAR: Ġużeppi u Kelina Busuttil. Ġovanni u Ġużeppi Magri. Pawlu u Karmena Axiak. Mikiel, Salvu, Ġovanni, Toni Caruana. Rożi, Kelinu Pullicino. Ċensu u Wenzu Cordina. Amabile u Manwela Griscti. Ċensu, Ġlormu, Manwel Vella.

LUQA: Ġużeppi Gatt. Adriana Seychell Ġużeppi Buhagiar. Alice, Ġużeppa, Katarin u Amabile Attard. Serafina, Manwela, Marjanna u Karmena Mifsud. Valentina, Susanna u Marjanna Lia.

SENGLEA: Karmena u Ġużeppi Fenech. Franġisku u Rafela Vella. Remiġ Vella. Karmenu Agius. Ġużeppi Cutajar. Ċetta Farrugia. Narda u Nardu Debono. Ġużeppa, Ġovanni Grech. Salvu u Ġovanna Debono.

ŻURRIEQ: Crocefissa u Karmenu Ellul. Mikiel Camilleri. Karmenu Camilleri. Marjanna u Rożarja Cutajar. Ġużeppi Ellul. Manwel Ellul. Assuero, Wistin, Serafino Bonello. Franġisku, Accursio, Filippu u Katarina Scerri. Mansueto, Ġużeppi, Manwel u Wenza Buhagiar. Feliċ Bonaventura. Nikol, Gregorju, Filomena u Agnese Mifsud. Karmena u Karmenu Mallia. Egidju Mallia. Mikiel u Karmenu Camilleri. Pawlu u Anna Griscti. Wiġi u Ċetta Damato. Katarin, Ċetta, Marjanna Falzon. Annunziata, Wiġi, Dolor, Rita u Salvu Debrincat.

QORMI (San Bastjan): Ġorġ, Rosarja Sultana. Karmena Scicluna. Karmenu Debono. Rosarja, Wenzu Kelinu u Ġużeppi Zammit. Ġovanni u Karmena Camilleri. Spira u Rosina Borg. Spiru Cauchi. Marjanna u Ġorġa Saliba. Sunta Camilleri. Spiru u Tumas Grima. Toni Griscti. Karmenu Schembri. Ġużeppi Grech. Rosarja, Toni, Karmena, Ġorġa u Franġisku Grech. Marija Schembri. Benedittu, Katarina Schembri. Toninu Karmena, Ċikku, Karlu u Rosarja Grech. Marjanna u Ġorġa Saliba. Censu Camilleri. Ġorġ Seychell. Ġużeppa Grech. Susanna u Ġużeppa Camilleri. Alessju Galea.

ĦAMRUN (San Gejtanu): Ġużeppi u Rosina Frendo. Marija Calleja. Ġuża u Marija Barbara. Erminja Schembri. Roġer Micallef. Pullu Spiteri. Suor Aurelia Frendo. Mary Calleja. Karmena Zammit. Piju Micallef. Kelina u Ġovanna Sammut. Ġużeppi, Karmena, Franġiska Vella. Marija, Ġużeppi u Ġovanni Tonna. Ġulinu Pisani. Agnesa Salerno. Gejtana u Ġużeppi Calleja. Spiru Dingli. Assuero u Ġuditta Ballucci.

SAN PAWL IL-BAĦAR: Dwardu Piscopo. Marija Nisella. Karmenu Caruana. Teresa Caruana. Filippu, Ġorġina u Luċija Petre. Franġisku Dingli. Tania, Gisella, Connie u Salvinu Vassallo. Ġovanna Cassar. Filippa Sciberras. Marija Xuereb.

QRENDI: Karmenu Vassallo. Marija Magro. Perpetwa Magro. Pawlu Damato. Ġużeppi Sammut. Pietru u Marija Cassar. Ġużeppi u Teres Schembri. Valentina u Karmena Buhagiar. Anġlu Schembri. Ġuditta, Ester u Salamone Xuereb. Amilcare u Ġużeppa Bonanno.

MOSTA: Ġorġ Micallef. Pawlu, Marija, Karmena, Elżabetta Bellia. Furtunatu, Ġorġ, Karmenu Bellia. Nazzareno, Pawlu Bartolo. Franġisku, Pawla Fenech. Polly Deguara. Ġużeppa Bourke.

GĦARGĦUR: Vitorju Aquilina. Karmena Cuschieri. Wenzu Sammut. Manwel Aquilina. Ġużeppa Aquilina,

M'QABBA: Marija Sciberras. Innoċenzu Sciberras. Nikol Mallia. Manwela Mallia. Ġulja, Marjanna, Ġużeppa u Anġla Mallia. Mikiel, Marija, Ġużeppa, Loreta, Basilia Farrugia. Manwela, Rita, Marija, Polly u Fredu Buhagiar. Genoveffa, Kelina u Pawlu Cordina.

*Min-naħa tagħna nixxguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*